# IL-HAJJA f'Għawdex

Awissu/Settembru 2001

Nru. 831



# Lukandi u Ristoranti Għawdxin




N.B. Telegraph Street, Nadur, Gozo, NDR 102, Malta. Tel: 551629 Fax: 564233
http://www.littlewood.cjb.net

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu –
L-Ispiża tal-Pajli ta' Santa Marija • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - L-Esperjenzi
ta' Lukandier Għawdxi • 12
Ristoranti Għawdxin • 16
Is-Sbuħija tal-Ħolqien
turi l-Kobor ta' Alla • 20
Bookmark • 22
Poeżija - Marsalforn • 23
Tifsir fuq it-tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (2) • 24
Dun Ġużepp Cauchi • 27
Mill-Knisja fid-Dinja • 29
Drawwiet Missirijietna –
Twemmin Fieragħ
ta' l-Għawdxin (3) • 30
Wirt Għiritna –
Il-Mużew tal-Folklor (4) • 34
X'inhi Dieta Tajba? • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 831**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press" Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fl-15 ta' Lulju 2001.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Lukandi u Ristoranti fi Għiritna
*(ara l-intervista f'paġni 12-15)*


# EDITORJAL



## Progress u Valuri

Illum tinħass wisq l-influwenza li l-barranin u dawk li jiddominaw il-mezzi ta' komunikazzjoni għandhom fuq il-ħajja tal-poplu tagħna. Qed jiġri li l-għawdxin, kważi saru pronti biex iħarsu lejn l-imgħoddi bħala ħaġa skaduta li għandha bżonn titwarrab u tinbidel. L-iktar li huma nfluwenzati huma ż-żgħażagħ. Għalihom inbidlet il-ġerarkija tal-valuri.

Skond dawk li jsejħu ruħhom 'moderni' l-iktar li jiswa huwa dak li jagħmilhom kuntenti fil-preżent attwali. Għan-negozjant jiswa biss kemm ser jaqla'. Għat-tabib jew avukat tiswa l-popolarita` u l-qligħ. Għal ħafna ħaddiema jiswa biss l-aħħar tax-xahar. L-ebda morali ma tirbaħ fuq il-kilba għall-flus, l-għatx għall-popolarita` u l-ġiri wara d-divertiment. Xi żgħażagħ jgħaddu ljieli sħaħ jiddevertu u mbagħad il-Ħadd jibqgħu bla quddies. Xi professjonisti la l-etika professjonali u lanqas il-valuri kristjani ma jżommuhom milli jfittxu biss soluzzjoni popolari. Is-sens ta' sagrifiċċju u ta' legalita` ma jżommhomx milli jabbużaw mill-uffiċċju tagħhom u jfittxu l-aktar soluzzjoni li togħġob lill-klijenti tagħhom, basta jaqilgħu iktar flus. Eżempju żgħir huwa meta tisma' kemm intilfet il-kredibbilta` tax-xhud fil-qorti għax għall-flus kulħadd iċedi kull prinċipju. L-istess fil-kamp tal-mediċina l-kontraċettivi saru xi drabi regola.

Quddiem din il-qagħda amorali nagħmlu appell lin-nies tal-media biex jgħożżu u jirreklamaw il-prinċipji nsara filwaqt li jkunu prudenti iktar f'dak li jxandru meta tidħol fin-nofs il-morali nisranija.

Ir-reliġjon m'għandha tkun qatt soġġettiva u okkażjonali li tiġi prattikata skond il-gosti personali u l-bżonnijiet tal-mument. Dak li hu l-ewwel għandu jitqiegħed qabel kollox. Barra minn hekk il-ġid spiritwali għandu jiġi qabel kull ġid ieħor għax dan iwassal għall-ħajja ta' dejjem.



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

*Seminarista Michael Galea*

## *Tberik tal-Kappella fil-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani*

Fil-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani li jinsab fi Triq Enrico Mizzi fil-Belt Victoria, sar it-tberik tal-kappella fil-pjan terren. Din il-kappella saret għat-talb privat. Id-disinn kien ta' Fr. Gino Gauci, professur ta' l-Arti Sagra, u l-esekuzzjoni tax-xogħol saret taħt id-direzzjoni tiegħu. Nhar il-Ħamis, 31 ta' Mejju, filgħaxija, festa liturġika tal-Viżitazzjoni, sar it-tberik ta' din il-kappella permezz ta' quddiesa ċċelebrata minn Mons. Isqof.

## *Seminar tal-MAS*



*Mons Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex jindirizza s-Seminar Konklussiv li sar fid-Dar ta' l-Anzjani tal-MAS fis-16 ta' Ġunju.*

## *L-Ordinazzjoni ta' sitt saċerdoti*

Nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju 2001, saret l-Ordinazzjoni Saċerdotali fil-Katidral t'Għawdex f'konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof. Id-djakni li ġew ordnat saċerdoti huma: Dun Anthony Mario Saliba (Katidral), Dun Roberto Gauci (Ta' Kerċem), Dun Joseph Grech u Dun Joseph Cardona (Nadur), u Dun Joseph Sultana u Dun Jesmond Gauci (Xagħra). Mons. Isqof ppreżenta lill-Beatu Dun Ġorġ Preca bħala eżemplar għas-saċerdoti novelli u qalilhom: "Imitaw il-ħeġġa tiegħu għat-tagħlim speċjalment fil-ministeru tal-kelma, l-ispirtu tiegħu ta' umilta` u l-ubbidjenza tiegħu. Imitaw fuq kollox lill-Beatu Dun Ġorġ Preca fl-ispirtu tiegħu ta' umilta` u l-ubbidjenza tiegħu. Imitawh fuq kollox lill-Beatu Dun Ġorġ Preca fl-ispirtu tiegħu ta' sagrifiċċju u d-distakk mill-pjaċiri tad-dinja flimkien ma' l-ispirtu tiegħu ta' talb li kien għalih ta' għajnuna kbira mis-Sema".

## *It-Tberik tal-Monument ta' Ġorġ Pisani*

Is-Sibt, 23 ta' Ġunju sar il-kxif tal-monument tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani mill-Eċċellenza Tiegħu l-President Guido de Marco. Il-monument jinsab fil-Bus Terminus quddiem id-dar fejn kien jgħix. Matul is-serata li fiha nkixef il-monument inqraw xi poeżiji minn tiegħu. Ħadu sehem ukoll il-Kor Laudate Pueri, il-Banda Ċittadina La Stella u l-banda tal-Forzi Armati. Saru diskorsi minn Oliver Friggieri u Carmel Attard. Iben Ġorġ Pisani, in-Nutar Dr. Paul G. Pisani għamel

ir-ringrazzjamenti tiegħu. Il-monument ġie mbierek mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi Isqof t'Għawdex.

### *Żjara liċ-Ċentru OASI*

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Ġunju, Mons. Isqof żar il-kumpless ta' l-OASI. Huwa ra d-dar kif ukoll ix-xogħol li qed isir fl-estensjoni ta' din id-dar biex tkun tista' toffri soluzzjoni aħjar għall-problemi li jinqalgħu. Mons. Isqof iltaqa' wkoll mal-Bord tad-Diretturi. Huwa kien imdawwar mad-dar minn Rev. Emanuel Cordina, direttur tal-OASI.

### *Quddiesa ta' Radd il-Ħajr għall-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca*

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju filgħaxija saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof fis-Santwarju ta' Pinu b'radd il-ħajr għall-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca. Il-quddiesa ġiet organizzata mill-membri tas-Soċjeta` tal-MUSEUM. Fl-omelija Mons. Isqof qal li għall-Beatu Dun Ġorġ Preca, "il-kelma ta' Kristu kienet sfida li huwa għaraf jirrispondi għaliha u ta tweġiba għaliha. Huwa dejjem fittex l-għaqda tiegħu ma' Kristu u għaraf li biex il-fergħa tagħti l-għeneb hemm bżonn li tkun magħquda mad-dielja". Mons. Isqof fl-aħħar tal-quddiesa qassam ċertifikat lit-tfal tal-Griżma li kienu ġew magħżula biex jieħdu sehem fil-funzjoni tal-beatifikazzjoni u tahom ukoll tifkira bix-xbieha tat-tliet beati Maltin.

### *L-urna tal-Beatu Nazju Falzon fil-parroċċi t'Għawdex*

Matul ix-xahar ta' Lulju nġiebet l-urna bil-fdalijiet tal-Beatu Nazju Falzon. Hija ttieħdet l-ewwel fil-parroċċa ta' l-Għarb u fl-aħħar spiċċat fil-Parroċċa ta' San Ġorġ. L-urna nżammet għal ġurnata sħiħa f'kull parroċċa. F'kull parroċċa saret il-quddiesa tal-Beatu Nazju Falzon u xi talb speċjali ieħor. L-urna tal-Beatu damet kważi tlett ġimgħat fi gżiritna.

### *Manifestazzjoni favur ambjent moralment nadif*

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Lulju saret il-manifestazzjoni ta' talb favur ambjent moralment nadif. Din il-manifestazzjoni bdiet b'korteo mill-knisja tal-Karmnu fix-Xlendi għall-port. Imbagħad saret konċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Isqof. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof qal: "Fid-dinja hawn ħafna affarijiet negattivi li bir-raġun kollha





jinkwetawna u jġagħluna nitħassbu u jallarmawna. U allura nistaqsu: hija din id-dinja li aħna ser inħallu lil uliedna; dinja ta' ġlied, dinja ta' firdiet u ħażen? Ir-raġuni fundamentali għal dan kollu tafu x'inhi? Għaliex ħafna drabi l-qalb tagħna ma tkunx ħielsa u ma jkollhiex il-liberta` tal-qalb. Ħafna drabi m'aħniex bħal Marija u ma npoġġux il-fidi tagħna kollha kemm hi f' Alla, imma l-fiduċja tagħna qegħdin inpoġġuha fil-bniedem jew f'affarijiet oħra."

### *Transport tal-Fdalijiet ta' saċerdoti Lawrenzjani*

Il-Ħadd, 8 ta' Lulju, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni Ewkaristika fiċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz, Għawdex fl-okkażjoni tat-trasferiment mill-Kappella taż-Żejt tal-fdalijiet ta' tliet saċerdoti Lawrenzjani. Dawn huma Dun Karm Mizzi, li miet fis-17 ta' Settembru 1940, Dun Ġużepp Cauchi, li miet fit-13 t'Awissu 1955 u Dun Lawrenz Gauci, li miet fid-19 ta' Marzu 1964.
Fil-każ ta' Dun Ġużepp Cauchi saret ukoll l-eżumazzjoni tal-fdalijiet tiegħu minn Dr. Anthony Abela Medici, assistit minn tliet membri tas-Sezzjoni tal-Forensika u mill-Patoloġista Maurice Cauchi, taħt is-sorveljanza ta' Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Djoċesan fil-preżenza wkoll ta' Dun Mikiel Borg, Kappillan ta' San Lawrenz.






Lelio Spiteri

## Apparat Ġdid għall-Isptar Ġenerali




Nhar il-Ħamis, 21 ta' Ġunju l-*Gozo Cancer Club*, li hu mmexxi mis-Sinjura Joyce Rapa ppreżenta '*Colonofiberscope*' ġdid lill-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Dan l-apparat ser jintuża biex speċjalisti li jaħdmu fl-Isptar Ġenerali jkunu jistgħu jagħmlu testijiet fuq il-musrana l-kbira. Pazjenti Għawdxin li jkollhom bżonn dawn it-testijiet ikunu jistgħu jinqdew aktar malajr f'Għawdex stess. F'diskors ta' l-okkażjoni l-Ministru għal Għawdex irringrazzjat lill-membri kollha tal-*Gozo Cancer Club* li dejjem ħadem fl-għarfien u s-sapport meħtieġ dwar il-marda qerrieda tal-kanċer. Hija saħqet dwar il-bżonn li tikber aktar il-ħidma bejn il-Gvern u s-settur privat ħalli id f'id il-partijiet kollha jaħdmu għall-ġid tal-komunita` u jindirizzaw il-bżonnijiet tas-soċjeta` Għawdxija b'mod għaqli. Tbierket minn Fr. Michael Mintoff u preżenti kien hemm ukoll Dr. Anthony Livori, Supretendent ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.



## Wirja Agrarja

Mijiet ta' nies żaru l-Wirja Agrarja li ttellgħet fl-okkażjoni ta' l-Imnarja fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri n-Nadur, mill-Kunsill Lokali u li nfetħet nhar is-Sibt, 23 ta' Ġunju. Minbarra l-ħafna prodotti tal-biedja, il-pubbliku seta' jara wkoll wirja oħra ta' naħal minn Paul Muscat. L-għada l-Ħadd, 24 ta' Ġunju, kemm il-Ministru għal Għawdex u kemm is-Sindku Dr. Chris Said għamlu messaġġi qosra u ppreżentaw it-trofej lir-rebbieħa u parteċipanti oħra. Il-wirja tbierket mill-Arċipriet Mons. Salv Muscat. Ta' min iżid li għall-festa ta' l-Imnarja kien preżenti fin-Nadur grupp ta' madwar tmenin persuna minn Cicciano, il-lokalita` li magħha l-Kunsill Lokali tan-Nadur għamel il-ġemellaġġ. Dawn damu mill-Ħadd, 24 ta' Ġunju sal-Ħadd, 1 ta' Lulju.

## Iffirmar ta' ftehim għal Festival Kulturali f'Għawdex



It-Tlieta, 26 ta' Ġunju l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex ippresediet l-iffirmar ta' ftehim bejn Techinvest Group u t-Teatru Astra illi se jwassal sabiex jiġi organizzat festival kulturali f'Għawdex f'Novembru 2001. *Mediterranea*, kif inhu l-isem tal-festival, ser iressaq lejn Għawdex numru sabiħ ta' viżitaturi barranin illi jiġu għal vaganza kulturali fil-gżira. Il-programm li għal din l-ewwel edizzjoni ser jieħu bħala tema prinċipali l-mużika ta' Giuseppe Verdi, ser jinkludi opra lirika flimkien mar-*Requiem* u t-*Te Deum*, kunċerti oħra flimkien ma' żjajjar kulturali f'siti mportanti bħat-Tempji tal-Ġgantija u oħrajn.



## Ġemellaġġ ieħor dalwaqt

Fl-Uffiċċju Ċentrali tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija nhar it-30 ta' Ġunju sar l-iffirmar tal-ftehim ta' qbil ta' formazzjoni ta' ġemellaġġ bejn ir-raħal tax-Xewkija u l-*Comune di Castelvenere*, Provinċja ta' Benevento, fl-Italja, raħal fuq il-muntanji, b'popolazzjoni ta' madwar 2,500 ruħ. L-iffirmar sar bejn is-Sindku tax-Xewkija Mario Camilleri u l-*Assessore Delegato di Castelvenere* Dr. Costantino Romanelli. Delegazzjoni mill-Kunsill Lokali Xewkija mistennija żżur Castelvenere f'Jannar tas-sena d-dieħla waqt li dik taljana ser tiġi fi Frar fejn isir l-iffirmar tal-ftehim tal-ġemellaġġ. Preżenti għall-iffirmar kien hemm kunsilliera Xewkin kif ukoll is-Segretarju tal-Kunsill Rueben Cassar.



## Xogħol Volontarju

Fl-okkażjoni tas-Sena tal-Volontarjat, membri mill-Komunita` tal-Knisja ta' Ġesu` Nazzarenu tax-Xagħra għas-sitt sena konsekuttiva, bejn l-1 u l-15 ta' Lulju marru Tunis sabiex jagħmlu xogħol ta' volontarjat. Ix-xogħol li kien jikkonsisti fi ħjata, żebgħa u tindif sar fi skola mmexxija mis-Sależjani Maltin f'La Manouba, ftit 'il barra mill-Belt ta' Tunis. Il-grupp ta' 21 ruħ għamel żjara lill-Isqof ta' Tunis Mons. Fuoad Twal li kellu kliem sabiħ ta' ringrazzjament għall-grupp.



## 'San Ġorġ'

Michael Formosa, koordinatur ta' pubblikazzjoni ġdida bl-isem *'San Ġorġ'*, bil-Malti u bl-Ingliż, ippreżenta l-ewwel kopja ta' din ir-rivista lill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju fil-Kolleġġjata Bażilika ta' San Ġorġ.

Din il-pubblikazzjoni hija l-ewwel minn sensiela ta' 12-il pubblikazzjoni (erbgħa fis-sena) minn issa sa Lulju 2003 meta jiġi ċċelebrat l-1,700 anniversarju mill-Martirju ta' San Ġorġ. Fih, wieħed isib kontribuzzjonijiet minn studjużi Maltin u Għawdxin.

## *Fortresses of the Knights*



Dan il-ktieb ġie ppreżentat lill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono is-Sibt, 21 ta' Lulju fl-Awla tal-Qorti fiċ-Ċittadella mill-awtur Stephen C. Spiteri. F'kelmtejn li għamlet, il-Ministru ferħet lill-awtur tal-kontribut tiegħu għal din il-pubblikazzjoni *"li ser tpoġġi fuq quddiem nett l-istorja rikka ta' pajjiż li minkejja ċ-ċokon tiegħu, huwa kbir fil-kontribuzzjoni tiegħu ta' l-evoluzzjoni kulturali Ewro-Mediterranja"*. Hija esprimiet ix-xewqa li pubblikazzjonijiet bħal dawn jibqgħu jiġu ppubblikati ħalli jkomplu jkabbru l-importanza tal-patrimonju letterarju tal-Gżejjer Maltin.



## *Jum il-Pulizija*

Dan il-jum ġie ċċelebrat f'Għawdex il-Ħadd, 22 ta' Lulju b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, Victoria, minn Fr. Emmanuel Curmi, il-kappillan tal-Korp f'Għawdex mgħejjun minn Fr. Raniero Zammit, il-kappillan tal-Korp f'Malta. Wara l-quddiesa, li fiha Fr. Curmi għamel l-omelija ta' l-okkażjoni, huwa bierek żewġ oqbra bl-arma tal-Korp, li ġew inawgurati mill-Ministri Tonio Borg u Giovanna Debono. Sar ukoll diskors ta' l-okkażjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur George Grech. Preżenti kien hemm ukoll l-ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti Anton Tabone u l-membri parlamentari, Frederick Azzopardi, Victor Galea Pace u l-Perit Carmelo Borg. Filgħaxija f'Marsalforn saret display mis-*Silent Drill, show* mis-sezzjoni tal-klieb u ttella' programm mużikali mill-Banda tal-Pulizija.

## *Festa ta' Sant'Anna fid-Dwejra*

Bħal kull sena, il-Ħamis, 26 ta' Lulju ġiet iċċelebrata l-Festa Liturġika tal-ġenituri tal-Madonna. Fil-kappella ta' Sant'Anna fid-Dwejra matul il-ġurnata tqaddes diversi quddies. Saret il-preżentazzjoni tat-trabi u filgħaxija l-kappillan Dun Ġorġ Bezzina u Ivan Laferla mexxew servizz ta' talb speċjali għall-fejqan. Kienu ħafna n-nies li żaru din il-kappella matul il-ġurnata.

## *'Ċittadella 2001'*

Dan il-festival ta' arti u kultura nżamm fiċ-Ċittadella bejn il-25 u t-28 ta' Lulju. Il-programm kollu ġie organizzat mill-Kunsill tal-Kultura għal Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Ittellgħu esebizzjonijiet ta' arti, kunċerti mużikali, *re-enactments* kif ukoll żfin.

## *Il-Movimenti IVA jiltaqa' ma'...*

Il-Fergħa Għawdxija tal-Moviment IVA Malta fl-Ewropa kompliet bil-laqgħat mas-setturi differenti tas-soċjeta` Għawdxija. Laqgħa saret mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra. Ġew diskussi bosta temi fosthom dik dwar l-ambjent fix-Xagħra. Laqgħa simili saret mal-Kunsill Lokali tal-Munxar. Dan il-moviment iltaqa' wkoll mal-Fondazzjoni Eden kif ukoll ma' l-Assoċjazzjoni GAVI, *The Gozo Association of Persons with Impaired Vision*. L-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu (GTA) ukoll kellha laqgħa ma' dan il-moviment. L-IVA f'Għawdex iltaqgħet ukoll mal-Fergħa Għawdxija tal-Fondazzjoni Ekoloġika Maltija (ECO), kif ukoll mal-Fondazzjoni Arka u mal-Ministru għal Għawdex. Wara kull laqgħa, il-Moviment IVA ppreżenta lill-għaqdiet konċernati kotba, mapep,*posters* u *videos* dwar l-Unjoni Ewropea.

## *Arkivju għar-raħal ta' San Lawrenz*

Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz huwa mpenjat biex malajr kemm jista' jkun iwaqqaf librerija ta' referenza għall-użu ta' l-istudenti u tal-komunita' kollha ta' San Lawrenz. Is-Sindku Noel Formosa qal li l-Kunsill tiegħu huwa mpenjat li jiġbor din l-informazzjoni kollha sabiex joħloq mezz ieħor ta' informazzjoni għall-istorja tar-raħal. Huwa ħa l-opportunita` wkoll sabiex jirringrazzja lill-istudenti kollha lawrenzjani Universitarji li qed jipprovdu kopja tat-teżijiet tagħhom sabiex titkompla titkabbar din il-librerija ta' informazzjoni biex b'hekk l-istudji intensivi li jwettqu dawn l-istudenti jkunu miġbura bħala parti mill-istorja tar-raħal.

Arkivju Nazzjonali Għawdex

# Għawdex 300 sena ilu

Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 97

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2001

## L-ISPIŻA TAL-PALJI TAT-TIĠRIJA TA' SANTA MARIJA - 1701

Il-sebgħa u disgħin dokument li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar l-ispiża li għamlet l-Universitas għax-xiri tad-drapp u l-lasti tal-paljijiet għat-tiġrija tal-festa ta' Santa Marija tliet mitt sena ilu. Il-kont jinsab irreġistrat taħt id-data tal-31 ta' Awissu 1701, fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1700-1701), folju 30r-v (NAG, UG, *Acta*, 9/1700–1701, f. 30r-v).

Din hi transkrizzjoni tar-reġistrazzjoni:

**Michele Hagius, Tesoriere di quest'Universita del Gozzo, riceverete la somma di Scudi trenta tre e tarì quatro di moneta che d'ordine nostro havete speso nelli palii fati nella corsa della festività dell'Assunta di nostra Signora delli 15 instante, come segue, cioè:**

**Per palmi dieci di raso color di fuoco fino lavorato**

**Più canni una e palmi due raso verde lavorato**

**Più palmi nove mezzo tarzanello fuoco con altri colori rigati**

**Più palmi dieci di mezzo tarzanello celeste rigato**

**Più palmi dieci di mezzo tarzanello verde liscio**

**Più palmi novi mezzo tarzanello fogo rigato**

**Più palmi novi mezzo tarzanello celeste**

**Più canni sette e palmi quattro zaharella larga di quattro colori conparsita in 24 ferri loro con loro soringhi**

**Più per una spada**

**Più per cinque beretti**

**Più per dodici asti coloriti per detti pagli**



It-tiġrija ta' Santa Marija kienet issir mill-qedem. Kienet stabbiliet ruħha bħala parti mill-kalendarju folkloristiku ta' Malta u kienet għalhekk l-iktar tiġrija popolari f'Malta u Għawdex. L-ispiża għat-tiġrija kien joħrogħa l-Gvern ta' Għawdex. Il-kont għall-premijiet tat-tiġrija ta' l-1701, tliet mitt sena ilu, tela' għal 33 skud, 4 irbiegħi, u 7 ħabbiet.

Fl-aħħar fil-kont hemm l-ispiża għal tnax-il lasta ta' l-injam kuluriti għall-paljijiet. Dan jagħtik x'tifhem li l-ispiża saret biex isiru tnax-il palju. Il-kejl tad-drapp mixtri hu mogħti f'*canne* u *palme* — kanna, bil-malti qasba, fiha tmint ixbar, ftit iktar minn żewġ metri; waqt li palma, bil-malti xiber, fiha ftit iktar minn 26 ċentimetru. Niġu issa għall-kont kollu.

Inxtraw: għaxart ixbar ta' *raso*— kwalità ta' ħarir lixx u jleqq — maħdum fin kulur in-nar, jiġifieri aħmar skarlat; qasba u żewġt ixbar *raso* aħdar u maħdum; disat ixbar *mezzo tarzanello* — kwalità ta' damask — kulur in-nar b'kuluri oħra irrigati fih; għaxart ixbar *mezzo tarzanello* ċelesti u irrigat; għaxart ixbar *mezzo tarzanello* aħdar lixx; disat ixbar *mezzo tarzanello* kulur in-nar u rrigat; disat ixbar *mezzo tarzanello* ċelesti; seba' qasbiet u erbat ixbar żigarella wiesa' b'erba' kuluri u b'erbgħa u għoxrin ħolqa b'ġolġol imwaħħal ma' kull waħda.

Il-kont jinkludi wkoll ix-xiri ta' ħames beritti u anki ta' sejf. Bħall-paljijiet, dawn ukoll kienu jingħataw b'rigal fit-tiġrija ta' Santa Marija — tiġrija, li biex nispiċċaw kif bdejna kienet u għadha waħda mill-iktar popolari f'dawn il-gżejjer.




## Progress fil-Qorti t'Għawdex

Dr. Austin Gatt, Ministru għall-Ġustizzja, kellu kliem ta' tifħir għall-andament tal-Qorti fil-gżira ta' Għawdex f'dak li jirrigwardja l-kawżi hekk imsejħa *small claims*. Qabel xejn ngħidu li dawn il-kawżi *small claims* m'għadhomx bis-somma massima ta' Lm250 imma ġew imtellgħin għas-somma massima ta' Lm1500. Sa ftit żmien ilu, fil-Qorti t'Għawdex, il-*backlog* ta' dawn il-kawżi kien tassew kbir. Issa skond l-istatistiċi li joħorġu kull sitt xhur, dan il-*backlog* naqas sewwa. F'dawn l-aħħar sitt xhur ġew maqtugħa 258 każ - jiġifieri, kważi d-doppju tal-kawżi ġodda li daħlu (149). Dan ifisser li t-total ta' kawżi pendenti issa naqas b'9%.

Mhux biss f'dawk li huma *small claims* ġie rreġistrat progress fil-Qorti t'Għawdex, imma anke fil-kawżi kriminali. F'dawn l-aħħar sitt xhur (li fuqhom ħarġu l-istatistiċi), il-Qorti qatgħet 479 sentenza, jiġifieri, inqatgħu 58 kawża aktar milli daħlu ġodda, u dan ifisser tnaqqis ta' 18% tal-kawżi kollha kriminali pendenti fil-Qorti t'Għawdex.

Jalla nibqgħu sejrin hekk.

## Il-Festi fil-kultura tagħna

Il-Patri Ġiżwita Fr. Charles Delia, dan l-aħħar għamel appell f'gazzetta bil-malti ta' kuljum biex il-festa tal-patrun jew patruna ta' l-ibliet u l-irħula tagħna ikunu okkażjoni ta' ferħ u għaqda mhux biss għan-nies li jgħixu f'dik il-belt jew raħal fejn tkun qed issir il-festa, imma wkoll għall-viżitaturi li jmorru jgawdu l-festa. Irridu noqogħdu wisq attenti biex fil-marċijiet li jsiru fil-festa ma jingħadx kliem, jew jitkantaw innijiet, li jkunu jniggżu lil xi ħadd.

M'ilux wisq, waqt marċ ta' filgħodu, xi żgħażagħ, fost l-allegrija u l-briju li kienu qed jagħmlu, fettlilhom jgħajtu kemm jifilħu u jgħidu xi *slogans*, bi kliem ta' tmaqdir bl-ilsien taljan. Ġara li fil-viċinanzi kien hemm grupp ta' taljani, aktarx studenti, li ħasbu li dawk l-insulti kienu ndirizzati lilhom speċjalment billi dawk li kienu qed jgħajtu bdew ixejru jdejhom lejn dan il-grupp. Dawn it-taljani, naturalment, ħadu azzjoni, u min-naħa tagħhom bdew jagħmlu ġesti oxxenti b'subgħajhom. Setgħet inqalgħet għeda kbira!

Mela, nieħdu lezzjoni. Waqt il-marċijiet m'għandhomx jitkantaw jew jingħadu *slogans* li joffendu; lanqas isiru ġesti ta' natura oxxena minn ħadd.

## Daqqa ta' ħarta lil NGOs

Fis-snin l-imgħoddija, diversi għaqdiet tal-Volontarjat (NGOs) f'Għawdex kienu jgawdu minn servizz benefiku li kien joffri l-Ministeru għal Għawdex. Qed nirreferi għas-servizz ta' *student workers* li jagħmlu ħidma mħallsa mill-Gvern matul ix-xhur tas-sajf. Din is-sena, dan is-servizz ġie mwaqqaf.

Fil-verita`, xi NGOs kienu ġa ppjanaw kif ser iwettqu xogħol siewi fi ħdan l-għaqda tagħhom bil-għajnuna li s-soltu jkollhom mis-*summer workers*. Insemmu, bħala eżempju, il-Librerija Pubblika tal-Katidral. Matul is-sjuf li għaddew, din il-librerija dejjem żammet il-bibien tagħha miftuħa, anke filgħodu, biex tislef il-kotba lil bosta tfal u kbar li fis-sajf iżidu fil-qari minħabba l-vaganzi. Din is-sena l-imsemmija librerija kellha twaqqaf is-servizz tagħha matul l-għodwiet tas-sajf. Veru ħasra li bosta tfal u ġenituri jerħulha minn kull raħal t'Għawdex biex jagħmlu użu mis-servizz ta' din il-librerija tal-Knisja u jsibu l-bieb magħluq. Nisperaw li dan is-servizz ta' *student workers* li ħadem b'vantaġġ kbir għal numru kbir ta' snin, ikun waqaf biss għal din is-sena, u jerġa' jibda jaħdem fis-sjuf tas-snin li ġejjin.

## Nibżgħu għat-Turiżmu speċjalment għat-Turiżmu Ntern

Għal Għawdex, it-turiżmu hu bħal dik il-papra li tbid bajd tad-deheb. Għandna nibżgħu għat-turiżmu daqs il-mimmi t'għajnejna. Din is-sena, anzi, biex inkunu eżatti, fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena, jiġifieri bejn Jannar u Mejju, il-*Gozo Channel* ġarret total ta' 1,128,737 passiġġier, fosthom numru kbir ta' turisti. Il-*Gozo Channel* qed tagħmel impenn kbir, mhux biss biex is-servizz tat-trasport ma jmurx lura, imma biex dan ikompli jitjieb. Saħansitra daħħlet il-*Customer Care Service*. Nistgħu ngħidu l-istess għall-istabbilimenti kollha t'Għawdex li għandhom x'jaqsmu mat-turiżmu?

Baqa' xi Għawdxin li għadhom jabbużaw u jitolbu prezzijiet aktar milli suppost meta t-turist jiġi jixtri mill-ħwienet tagħna? Niftakru li l-fama ħażina malajr teħodha imma mhux malajr tneħħiha.

Noqogħdu attenti li ma noqtlux il-papra li lilna tbidilna l-bajd tad-deheb.

## Issa daqshekk!

Issa wara li kulħadd qal dak li kellu jgħid dwar il-Familja Attard tax-Xagħra, il-ġenituri ta' Mary u Gracie, it-tewmin sijamiżi, jaqbel li kull korrispondenza u *write ups* oħra fil-gazzetti kif ukoll interventi fix-xandir, jieqfu għal kollox. Nisperaw li l-aħħar dikjarazzjoni tal-Kurja t'Għawdex issa ċċarat il-pożizzjoni tal-Knisja lokali dwar dan il-każ. Wara kollox, l-aġir tal-familja Attard wara l-wasla tagħhom f'Għawdex bit-tarbija, kien skond id-deċiżjoni privata tagħhom infushom. Jien ma narax għaliex il-kummenti u l-argumenti dwar il-Familja Attard u d-deċiżjoni tagħhom, għandhom jibqgħu jiġu kkritikati fuq il-*mass media*. Fl-aħħar mill-aħħar din kienet affari familjari, aktar milli nazzjonali. Kull familja għandha dritt għall-"*privacy*" tagħha u għall-interessi leġittimi tagħha.

## Tifħir lil min ħaqqu

Ta' min jgħid prosit lill-Kumitat tal-Kultura f'Għawdex għall-organizzazzjoni tal-Festival Kulturali li sar fiċ-Ċittadella f'Għawdex mill-25 sat-28 ta' Lulju 2001. Dan sar biex ifakkar l-450 sena mill-Assedju t'Għawdex fis-sena 1551, meta kważi l-Għawdxin kollha nqabdu u ttieħdu lsiera.

Numru sabiħ ta' attivitajiet ġew organizzati bħala parti mill-Festival, fosthom:

- seba' esebizzjonijiet differenti fiċ-Ċittadella,
- lejla mużiko-letterarja bis-sehem ewlieni ta' l-istoriku Mons. Dr. Joe Bezzina li fakkar din l-akbar traġedja li qatt saret f'Għawdex,
- kunċerti u *re-enactments*, u
- programm ta' żfin spettakolari.

Hawnhekk ukoll ta' min jgħid prosit lill-Kapitlu u lill-parroċċa tal-Katidral tal-kooperazzjoni sħiħa li taw lill-Kunsill tal-Kultura biex il-Festival ikun suċċess. Kienet ħaġa verament tajba li l-Festival fetaħ b'quddiesa pontifikali fil-Katidral t'Għawdex, u li matul il-ġranet tal-Festival, il-Mużew tal-Katidral, (l-istess bħal mużewijiet l-oħra taċ-Ċittadella) kien miftuħ għad-dħul b'xejn għall-pubbliku.

## Il-Valuri ta' l-Għawdxin ftit jew wisq, għadhom tajbin

Żewġ seminaristi mis-Seminarju t'Għawdex ħadu l-inkarigu biex jagħmlu survej fost l-Għawdxin li għalqu l-20 sena, dwar ċerti valuri etiċi u morali. Dawn l-istudenti, Anthony George Caruana u Mario George Cassar, fasslu *questionnaire* dwar kif jaħsbuha l-Għawdxin fuq l-omosesswalita`, id-divorzju, l-abort, il-prostituzzjoni, is-sess qabel iż-żwieġ, il-kontraċettivi u l-infedelta` fost il-miżżewġin.

Ir-riżultat kien wieħed li jġagħlek taħseb li hawn Għawdex għadna ftit jew wisq sodi fil-valuri etiċi u morali. Xi riżultati huma dawn:

Mas-70% huma kontra d-divorzju;
94% huma kontra l-abort prokurat;
68% huma kontra l-omosesswalita`;
93% huma kontra l-prostituzzjoni;
63% huma kontra s-sess qabel iż-żwieġ u
48% huma kontra l-użu tal-kontraċettivi.

Jekk inqabblu r-riżultat ta' dan is-survej ma' dak li kien għamel Dr. Anthony Abela fost il-Maltin fis-sena 1999, insibu li l-Għawdxin huma aktar tradizzjonali u konservattivi mill-Maltin fejn jidħlu aspetti soċjo-morali. Dan ma jfissirx li l-Għawdxin huma aktar "moħħhom magħluq". Anzi, il-perikli li dawn il-konvinzjonijiet jistgħu faċilment jinbidlu ma' fehmiet ultra-moderni u edonisti, huma realta' li kull ma jmur qed tiżdied u tinfirex bħal-lava ta' l-Etna! U fejn tmiss il-lava ta' l-immoralita`, kollox jinqered fil-ħajja sana tal-pajjiż.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY
For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg
55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# L-esperjenzi ta' Lukandier Għawdxi

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA
**LIS-SUR VICTOR BORG,**
LUKANDIER U *BUSINESSMAN* PROMETTENTI
GĦAWDXI.

***Meta u kif bdejt il-ħidma tiegħek fil-kamp tat-turiżmu f'Għawdex?***

Il-bidu kien sempliċi ħafna. Missieri John, imma jsibuh aktar bħala Ġanġu, li kellu l-pompa tal-petrol fi Triq it-Tiġrija, fir-Rabat, xtaqni nsir dentist. Filfatt kont diġa' bdejt l-istudji tiegħi kemm f'Malta u kemm fl-Ingilterra. Ħassejt li ma kenitx it-triq tiegħi. U ntfajt fid-dinja tax-xogħol kummerċjali. L-ewwel inizjattiva li ħadt kienet li xtrajt żewġ karozzi Mini-Minor *second hand* mill-Ingilterra. Irranġajthom jien, u wara bgħet waħda u l-oħra bdejt nikriha. Dan kien fis-sena 1969. Komplejt inkabbar in-negozju tal-kiri tal-karrozzi. Kienu żminijiet diffiċli. Il-karrozzi kont nirranġahom jien. Min jaf kemm għamilt sigħat nistenna fil-karozza bil-lejl l-Imġarr għal xi turisti li kienu jiġu bil-lanċa sa Għawdex u li kienu jikru xi karozza minn għandi. Il-vapur dak iż-żmien ma kienx bħal-lum. L-aħħar vjaġġ kien ikun għall-ħabta tal-5.00p.m.

**Kif bdejt tinteressa ruħek fil-lukandi f'Għawdex?**

Dak iż-żmien fis-sena 1969, ċertu wieħed Ingliż Peter Cope kien qiegħed jikkonverti *farmhouse* għal-lukanda *Cornucopia* fix-Xagħra. Billi kien jieħu l-karozzi tal-kiri minn għandi minflok ma tħallast jiena, dħalt *partner* miegħu u ma' tnejn minn nies oħra f'dan l-iżvilupp. Sehmi kien ta' xi Lm2000. Fl-1973 imbagħad dħalt għal proġett tar-Ristorant "*Eclipse*" fi Triq Imġarr. Dan għamiltu bi sħab ma' wieħed kok Olandiż, ċertu Louis Lentelink. Dam miegħi tlettax-il sena sħaħ. L-"*Eclipse*" kellu ħafna kummerċ u naħseb li kien l-ewwel ristorant ta' klassi f'Għawdex. Ma nizbaljax jekk ngħid li konna nservu madwar 50,000 klijent fis-sena. L-"*Eclipse*" żammejtu sa l-1995 u wara innegozjajtu biex ninvesti f'qasam ieħor.

**Semmejt dawn il-persuni barranin li ħdimt magħhom f'Għawdex. Kemm taħseb li kienu importanti għax-xogħol tiegħek?**

Ħafna. Kellhom l-esperjenza. Kien hemm persuni oħra, ċerti Alison u Brian Phylips. Alison kienet *reservation manager* mal-kumpanija "*Old Mill Houses*", kumpanija ngliża li kienet topera f'Għawdex fil-qasam tal-*farm houses*. Meta





din il-kumpanija ma baqgħetx topera jiena u Alison bdejna il-kumpanija *Gozo Holidays*. Din il-kumpanija "*Gozo Holidays*", ibbażata fl-Ingilterra, tieħu ħsieb iġġib klienti għal-lukandi u l-*furnished flats* li għandna. Din il-kumpanija konna waqqafniha fl-1978. L-investiment tiegħi f'din il-kumpanija kien ta' xi 5000 lira ngliżi. Barra minn dan jien kont nieħu ħsieb ukoll li nżur il-fieri turistiċi biex nirreklama l-prodotti tagħna u nkabbar l-esperjenza f'dan il-qasam.

**Kif bqajt tiżviluppa l-azjendi tiegħek?**

Fl-1980 xtrajt ix-*shares* kollha tal-"*Cornucopia*" mingħand Peter Cole u Bob Watson. Komplejt niżviluppaha. Xtrajt xi propjetà madwarha u minn lukanda ta' erbatax-il kamra kabbartha għal ħamsin kamra, ħdax-il *bungalow* u erba' *swimming pools*. Sadanittant, fix-Xagħra ukoll tellajt il-"*Masri Villas*" li huma *first-class self catering furnished villas* bis-*swimming pools* magħhom.

***Mix-Xagħra mbagħad mort ix-Xlendi. Kif dħalt għas-"St. Patrick's Hotel"?***

Is-"*St. Patrick's*" dħalna għaliha jien u Saviour Cremona wara li flimkien ma Charles Camilleri begħna l-art fejn illum hemm l-"*Arkadia*" lil Mizzi Ltd. Qabel hemmhekk kien hemm il-magna antika tat-tħin tad-dqiq, "*Pax Flour Mills*" tal-Familja Galea (ta' l-Erbgħa). Xtrajna s-"*St. Patrick's*" l-antika mingħand Glen Marten, wieħed Ingliż. Xtrajna wkoll xi propjetà tal-madwar, u minn lukanda bi tmien kmamar tellajniha għal ħamsa u sittin kamra. Illum hija *4 star hotel*.

**U fl-aħħarnett Ta' Ċenċ?**

Flimkien ma' Saviour Cremona xtrajt il-kumpanija







"*Real Finance*" minn għand it-Taljani . Din tikkonsisti fil-lukanda Ta' Ċenċ, Palazzo Palina, u madwar 1500 tomna raba. Fir-raba li jiġi ħdejn il-Kantra qrib tal-baħar qed nipproponu li nagħmlu *Golf Course*. Filwaqt li fir-raba ta' ħdejn il-lukanda qed nipproponu li jsir *Heritage Park*.

**L-Għawdxin ser ikollhom aċċess għalihom?**

Ċertament. Kemm għall-*Golf Course* u kemm għall-*Heritage Park*. Dawn iż-żewġ proġetti ser nagħmluhom biex inkomplu nkabbru t-turiżmu lejn Għawdex speċjalment fix-xitwa, kif ukoll biex noffru opportunitajiet ta' postijiet ta' mistrieħ għall-Maltin u l-Għawdxin kollha. Għamilna diversi studji dwar l-impatt ambjentali ta' dawn il-proġetti, studji li huma serji ħafna u qamulna ħafna flus. Nittama li naslu biex nirrealizzawhom għall-ġid ta' l-Għawdxin ukoll għax għal Għawdex nemmen li dawn ikunu ta' ġid.

***X'karatteristiċi se jkollu l-Heritage Park?***

Se jkun hemm il-fdalijiet neolitiċi li huma marbuta ma' "*Ta' Ċenċ*" fosthom ta' Borġ l-Imramma u d-*Dolmens*, il-*Curt Ruts*, flimkien mal-flora u l-fauna li huma marbuta ma' dawn l-inħawi. Qed nieħdu impenn qawwi biex ikunu ppreservati u mħarsa. Barra minn hekk se jkun hemm il-*horse-riding*, *bird watching* u attrazzjonijiet oħra li mingħajr ma jagħmlu ħsara lill-ambjent, iservu bħala mistrieħ għall-Għawdxin u attrazzjoni għat-turisti. Dan il-*heritage park* li qed nipproponu hija xi ħaġa unika għal pajjiżna. Se jieħu madwar 800 tomna raba li rrid nagħmilha ċara li mhux se jiġi żviluppat imma kkonservat fl-istat naturali tiegħu. Hemm fdalijiet arkeoloġiċi li b'dan il-*park* qed nipproponu li nikkonservawhom. U nixtieq nagħmilha ċara li qed naċċettaw kull proposta u kull suġġeriment minn għand gruppi jew individwi li jixtiequ jressqu il-proposti jew suġġerimenti tagħhom għal dan il-proġett. Dawn, flimkien mal-istudji li għamilna u għadna qed nagħmlu, jgħinuna biex nagħmlu l-aħjar għażliet.

**Kemm hu importanti l-ambjent naturali tagħna għat-turiżmu?**

Ħafna. Numru dejjem jiżdied ta' turisti qed jiġu fostna għall-hekk imsejħa "*active*





*holidays*" jew "*walking holidays*" - mixi fil-kampanja. Dan it-tip ta' turiżmu jirrappreżenta 25% tat-turiżmu fl-Ewropa. Aħna kkummissjonajna studju dwar dan, li ġie maħdum minn Audrey Schillings u preżentat bħala teżi ta' studju fin-"*Netherlands Institute of Tourism & Transport*". Minn dan l-istudju joħroġ li aktar turisti qed ifittxu l-kultura u l-wirt storiku, l-avventura u l-isport, u fuq kollox in-natura u l-pajsaġġ, dak li t-taljani qed isejħulu l-"*agroturismo*". Għalhekk importanti li nżommu l-indafa, nikkuraw it-toroq tagħna, nibżgħu għall-ambjent Għawdxi, nieħdu ħsieb il-ħitan tas-sejjieħ u fuq kollox nibqgħu nkunu dħulin mal-barranin. Is-sena l-oħra kumpanija waħda rnexxielha ġġib 800 turist fix-xitwa għal dan it-tip ta' vaganza. Dan ifisser li nkunu qed nipprovdu xogħol għall-ħaddiema tagħna fix-xhur tax-xitwa ukoll.

**Sodisfatt bit-trasport bejn Malta u Għawdex?**

Sar ħafna titjib. Meta fil-"*Gozo Channel*" ittieħdet id-deċiżjoni tal-bini tal-vapuri l-ġodda, jien kont wieħed mid-diretturi. Kien hemm xi ftit tfixkil. Illum kulħadd qed jara r-riżultat. Għad hemm fejn nistgħu ntejbu. Il-proposta ta' *air strip* żgħir f'Għawdex mhux ta' min iwarrabha għal kollox, basta jsir studju sewwa ta' l-impatt ambjentali li tista' tħalli. Wieħed irid iqis li kumditā bħal din tkun ħafna irħas mis-servizz preżenti tal-*helicopter* biex tmexxiha, anqas storbjuża u iktar "*fast and safe*".

**X'taħseb dwar il-gżira ta' Għawdex? Kemm tħossok għawdxi?**

Kieku ma kontx għawdxi u ma kontx inħobb lil Għawdex kont ninvesti il-barra minn Għawdex. Kelli diversi proposti. Forsi kien ikun investiment li jirrendi iktar u malajr. Imma l-flus mhux kollox. Li taqtagħli qalbi xi ftit, hija l-burokrazija żejda meta tiġi għall-investiment. Mill-bqija sodisfatt ħafna u kburi li investejt fil-gżira għawdxija. Hawn għandna opportunitajiet kbar imma ma nistgħux nistennew li ħaddieħor jagħmel ix-xogħol għalina. Irridu nieħdu l-inizjattiva aħna. Nagħlaq billi nappella liż-żgħażagħ għawdxin li meta jiġu biex jagħżlu xi kors fl-Universita` jqisu wkoll il-ħtiġijiet tal-ġzira tagħna, speċjalment f'dan il-kamp turistiku li minnu tkellimna, li kulma jmur qed jiżviluppa dejjem aktar u jissaħħaħ fil-kwalitā jew livell mixtieq.

# RISTORANTI GĦAWDXIN

***Riċerka ta' Dun Anton Sultana u Francesco Pio Attard***

*Din il-lista ma tinkludix pizzeriji, snack-bars, kjosks jew stabbilimenti tal-fast food. Tħallew barra ukoll ir-ristoranti marbuta ma' lukandi jew guest-houses, anke jekk open to non-residents, kif ukoll xi ristoranti oħra magħluqa temporanjament, jew li rrifjutaw li jidhru f'din il-lista aġġornata f'Lulju 2001. Ir-riċerkaturi għamlu kull ma kien possibli biex dan it-tagħrif ikun komplet u korrett; madanakollu jiskużaw rwieħhom jekk bi svista tħalliet xi informazzjoni barra, inkella għal xi ineżattezzi f'din il-lista. Nirringrazzjaw lir-ristoranti msemmija tal-kooperazzjoni tagħhom.*



| | Isem ir-Ristorant u l-Propjetarju | Lokalita` u Nru. tat-Telefon jew Mowbajl | Platt Favorit |
|---|---|---|---|
| 1 | *Anthony's Restaurant*<br>Charles Mercieca<br>u Mario Portelli | **Nadur**<br>56 53 69 / 0944 2218<br>0942 4417 | Fenek |
| 2 | *Argentinian Steak House*<br>Charlie Cordina | **Marsalforn**<br>55 46 46 | *Fillet Steak* |
| 3 | *Brookies Restaurant*<br>David u Paul Portelli | **Victoria**<br>56 37 33 / 55 95 24<br>0947 6433 | Papra |
| 4 | *Cafe' Del Corso Restaurant*<br>Grace Mizzi | **Victoria**<br>55 80 48 | Pasta (*Penne del Corso al Salmone*) |
| 5 | *California Restaurant*<br>Martin Xuereb | **Victoria**<br>55 62 34 / 55 60 53 | Fenek |
| 6 | *Chez Amand Bistro & Restaurant*<br>Amand P. Veranneman | **Qbajjar**<br>56 11 88 / 55 51 79<br>0949 2970 | *Fresh Canellonis "Thermidor"* |
| 7 | *Churchill Restaurant*<br>Rose Cordina | **Xlendi**<br>55 56 14 | Ħut Frisk |
| 8 | *Da Atzori Restaurant*<br>Carlo Atzori | **Għajnsielem**<br>56 51 77 | *Pasta* |
| 9 | *Da Manuel Restaurant*<br>Manuel Buttigieg | **Xlendi**<br>56 10 22 | *Pasta* |
| 10 | *D-Bar Cafe` Restaurant*<br>Twanny Buttigieg | **Qala**<br>55 62 42 / 7942 7014 | *Barbeque Spare Ribs* |
| 11 | *Dragon Restaurant*<br>John Portelli | **Marsalforn**<br>56 20 00 / 09 | *Chinese Food* |
| 12 | *Four Seasons Main Square Restaurant*<br>Doris Grech | **Victoria**<br>55 61 39 | Ħut Lokali (*Lobster*) |
| 13 | *Gelmus Restaurant*<br>Adrian u Kate Sammut | **Victoria**<br>55 80 47 | Ħut (Mediterranju) |
| 14 | *Gesther Restaurant*<br>Ġemma u Esther Said | **Xagħra**<br>55 66 21 | Fenek |
| 15 | *Iċ-Ċima Restaurant*<br>Anthony Spiteri u J. Camilleri | **Xlendi**<br>55 84 07 | Klamari (*Shallow Fried*) |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16 | ***Il Forno da Montanaro Restaurant***<br>Winston Montanaro Gauci | **Marsalforn**<br>56 51 40 | Ikel Malti u Taljan |
| 17 | ***Il-Girna Restaurant***<br>Maria u Teddy Ellis | **Ta' Sannat**<br>56 51 00 | *Mixed Shellfish* |
| 18 | ***Il-Kaptan & Marlene D Restaurants***<br>Teddy u Diane Spiteri | **Marsalforn**<br>55 79 54 | *Pasta* |
| 19 | ***Il-Kartell Restaurant***<br>Philip Spiteri | **Marsalforn**<br>55 69 18 / 7900 1965 | Ħut Frisk |
| 20 | ***Il-Kċina tal-Barrakka Restaurant***<br>Sammy Grech | **Mġarr**<br>55 65 43 | Ħut Frisk |
| 21 | ***Il-Kenur Restaurant***<br>Martin Portelli | **Xlendi**<br>55 15 83 / 0988 5482 | Ħut (*Pistin*) |
| 22 | ***Il-Maxtura Restaurant***<br>Reno Gauci | **Marsalforn**<br>55 76 17 / 56 17 62 | *Pasta* |
| 23 | ***Il-Mina Restaurant***<br>Anton Cassar | **Victoria**<br>56 48 20 | Fenek |
| 24 | ***Il-Misraħ Restaurant***<br>Frankie Refalo | **Xagħra**<br>56 49 42 / 55 16 75 | Fenek / Tiġieġa |
| 25 | ***Il-Panzier Restaurant***<br>Valentino Valenti | **Victoria**<br>55 99 79 | *Pasta Al Panzier* |
| 26 | ***Il-Plajja Restaurant***<br>Joe Azzopardi | **Marsalforn**<br>56 34 25 / 56 34 26 | *Pasta* |
| 27 | ***Il Terrazzo Restaurant***<br>Joseph Mercieca | **Xlendi**<br>56 29 92 / 55 65 94<br>0944 6833 | Ħut Frisk |
| 28 | ***It-Tmun Restaurant***<br>Jane u Leli Buttigieg | **Xlendi**<br>55 15 71 / 0949 6832 | Ħut Frisk |
| 29 | ***Jeffrey's Restaurant***<br>Joe Sultana | **Għarb**<br>56 10 06 / 0949 6230 | *Rabbit in Wine and Garlic* |
| 30 | ***Laguna Restaurant***<br>Noel Mercieca | **Xlendi**<br>55 93 72 | Ħut Frisk |
| 31 | ***L-Ankra Restaurant***<br>Manuel Sultana | **Mġarr**<br>55 56 56 | Ħut Frisk |
| 32 | ***Le Val d'Or Restaurant***<br>Saviour Muscat | **Xlendi**<br>55 87 28 / 55 45 65 | *Spaghetti Seafood* |
| 33 | ***L-Iskoll Restaurant***<br>Teddy Cremona | **Ta' Sannat**<br>55 75 68 / 55 45 73 | Ħut Frisk |
| 34 | ***Manoel's Restaurant***<br>Noel Scerri | **Mġarr**<br>56 35 88 | *Crab Ramekin* |
| 35 | ***Mao Xi Chinese Restaurant***<br>Franco Tabone | **Victoria**<br>56 18 20 | *Sweet Sour Pork* |
| 36 | ***Martin's Diner***<br>Martin Xuereb | **Nadur**<br>55 89 74 / 55 60 53 | Fenek |
| 37 | ***Mistees Restaurant***<br>Lorry Zammit | **Xewkija**<br>56 56 59 | Laħam |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 38 | ***Moby Dick Restaurants***<br>Bonnici Brothers | **Xlendi**<br>56 15 18 | Ikel Malti u Ċiniż |
| 39 | ***Neptune's Restaurant***<br>Ġorġ Schembri | **Marsalforn**<br>56 16 65 / 55 46 61<br>55 41 88 | Ħut Frisk |
| 40 | ***Odyssey Restaurant***<br>George Sacco | **Marsalforn**<br>55 67 28 / 55 10 02 | *Mixed Grill of Fresh Fish* |
| 41 | ***Oleander Restaurant***<br>Daniel Magrin | **Xagħra**<br>55 72 30 / 0945 9142 | Fenek |
| 42 | ***Otters Bistro & Restaurant***<br>Alexander Scicluna | **Marsalforn**<br>56 24 73 | *Spaghetti con Frutto di Mare* |
| 43 | ***Palazzo Margherita***<br>Lawrence Borg | **Ta' Sannat**<br>55 57 37 / 55 78 98 | *Chicken Breast* |
| 44 | ***Paradise Restaurant***<br>Michael u Carmen Mercieca | **Xlendi**<br>55 68 78 | Ħut Frisk (Gambli) |
| 45 | ***Parklin Restaurant***<br>Alan Tabone | **Mġarr**<br>56 19 67 / 0947 0419 | Ħut Frisk |
| 46 | ***Pebbles Restaurant***<br>John Azzopardi | **Marsalforn**<br>55 61 51 | *Pasta* |
| 47 | ***Pulena Restaurant***<br>Maria Cardona | **Marsalforn**<br>55 97 77 | *Ravioli di Ricotta al Forno* |
| 48 | ***Qbajjar Restaurant***<br>Frank Mangion | **Qbajjar**<br>55 11 24 | Ħut Frisk |
| 49 | ***Red Rose Restaurant***<br>Anthony Sultana | **Victoria**<br>55 77 44 / 0946 4307 | Tiġieġa |
| 50 | ***Rexy Restaurant***<br>Joe Galea | **Għajnsielem**<br>56 08 73 / 0942 3581 | *Mixed Fish* |
| 51 | ***Ristorante Arzella***<br>Domenic Grech | **Marsalforn**<br>55 46 62 / 55 19 92<br>0944 0053 | *Seafood Platter* |
| 52 | ***Rose's Restaurant***<br>Rose Buttigieg | **Nadur**<br>56 48 90 | Ħut Frisk |
| 53 | ***Salvina Restaurant***<br>Joseph Rapa | **Għarb**<br>55 25 05 / 0942 1510 | Ħut Frisk |
| 54 | ***Seaview Seafood Restaurant***<br>Peter Camilleri | **Mġarr**<br>55 39 85 | Ħut Frisk |
| 55 | ***Simply Blues Restaurant***<br>Walter Theuma | **Marsalforn**<br>55 91 50 / 0986 4626 | Ħut Frisk |
| 56 | ***Smiley's Restaurant***<br>Ġorġ Grech | **Marsalforn**<br>55 30 96 | Ħut Frisk |
| 57 | ***Smuggler's Cave Restaurant***<br>Ċensu Attard | **Marsalforn**<br>55 10 05 | Braġjoli |
| 58 | ***Stone Crab Restaurant***<br>Joseph Attard | **Xlendi**<br>55 64 00 / 0947 7207 | Ħut Frisk |
| 59 | ***Sunshine Restaurant***<br>Tony Vella | **Xlendi**<br>55 44 58 / 56 01 67<br>0987 7666 | Fenek |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 60 | *Ta' Frenċ Restaurant*<br>Mario Schembri | **Marsalforn**<br>55 38 88 / 55 08 08<br>0946 0696 | *Cannelloni* bil-laħam u l-ispinaċi |
| 61 | *Tamarisk Restaurant*<br>John Said | **Victoria**<br>55 13 82 | Ħut Frisk |
| 62 | *Tartufo Restaurant*<br>Joe Cauchi | **Għajnsielem**<br>56 55 22 / 56 55 33 | Ħut Frisk |
| 63 | *Tom's Tuck Inn Restaurant*<br>Mary Hili | **Marsalforn**<br>56 36 35 | *Mixed Grill* |
| 64 | *Tritons Restaurant*<br>Louis Farrugia | **Marsalforn**<br>55 61 52 | *Chinese Food* |
| 65 | *Universal Sports Restaurant*<br>Jeffrey Farrugia | **Xewkija**<br>55 04 74 | *Fillet* |
| 66 | *Valley View Restaurant*<br>Joe Formosa | **Xlendi**<br>56 02 83 / 55 75 51 | Laħam |
| 67 | *Village Inn Restaurant*<br>Joe Borg | **Xlendi**<br>55 81 81 | *Steak Santa Lucia* |
| 68 | *Vinyard Restaurant*<br>Anthony Said | **Victoria**<br>55 99 76 / 55 69 66<br>7970 3351 | *Buffet* |
| 69 | *Xerri l-Bukkett Restaurant*<br>Joseph Xerri | **Qala**<br>55 35 00 / 0949 0679<br>0945 0478 | Fenek |
| 70 | *Xi Xi Chinese Restaurant*<br>Gracie u Tarcisio Rapa | **Xagħra**<br>55 05 55 | *Chicken in Bird's Nest* |

***Kummentarju***

Issa li s-sajf diġà daħal fit-tieni nofs tiegħu, ħafna huma dawk li jħobbu jgawdu ż-żiffa friska tal-lejliet sajfija ma' ikla tajba f'xi ristorant għawdxi. Jekk hawn min ħaseb li f'din il-gżira ċkejkna ma għandniex ristoranti differenti fejn wieħed jista' jiekol tajjeb, dan qed jitqarraq. Imma mhux l-ewwel darba li ssib diffikultà tiddeċiedi fejn taqbad tmur, mhux għax in-numru huwa żgħir imma għaliex tħossok tinfixel x'taqbad tagħżel. Aħna ħsibna li tkun ħaġa interessanti u f'waqtha li nsawru direttorju ċkejken tar-ristoranti li għandna fil-Gżira tat-Tlett Għoljiet, ħalli kemm l-Għawdxin u kemm il-Maltin li jiġu fostna jkollhom aċċess eħfef u aktar effiċjenti għalihom, bla ma joqogħdu jħabblu wisq moħħhom. Interessanti l-fatt li f'din il-lista ta' 70 ristorant ma hemmx imniżżla biss id-dettalji l-aktar bżonnjużi biex wieħed jikkuntattja lil sid ir-ristorant, iżda wkoll liema hu l-aktar platt li jimxi f'kull ristorant, biex hekk l-għażla tkun eħfef. Mil-lista ta' hawn fuq jidher ċar l-ikel li l-aktar iħobb il-poplu Malti u Għawdxi. Hawnhekk tidher klassifikazzjoni ta' l-aktar platti favoriti, skond ir-riżultat li ħareġ minn din ir-riċerka fost ir-ristoranti għawdxin.

## *X'IĦOBBU JIEKLU SPEĊJALI L-MALTIN U L-GĦAWDXIN?*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | **Ħut Frisk** | **29 ristorant** | **(41%)** |
| 2. | **Poultry** | **14-il ristorant** | **(20%)** |
| 3. | **Pasta** | **13-il ristorant** | **(18%)** |
| 4. | **Laħam** | **09 ristoranti** | **(13%)** |
| 5. | **Ikel ieħor** | **05 ristoranti** | **(08%)** |

Din il-klassifikazzjoni tikxef b'mod ċar, anzi tikkorrispondi eżattament, mat-tendenza attwali tal-poplu tagħna. Milli jidher il-**Ħut Frisk** qed isir dejjem aktar l-iżjed platt popolari fir-ristoranti fost il-Maltin u l-Għawdxin, bla dubju għax hu l-aktar platt li jagħmel tajjeb lill-bniedem, fih ħafna vitamini u ma jħaxxinx. Il-**Poultry** tiġi fit-tieni post, għax tinkludi fniek u tiġieġ li mhux biss tradizzjonalment minn dejjem kienu popolari imma wkoll huma l-aħjar laħam għad-dieta. Il-**Pasta (għaġin)** fiha nfisha ma tħaxxinx, imma z-zalza li jkun hemm magħha qed tbiegħed lil ħafna nies minn dan il-platt tajjeb. Il-**Laħam** waqa' fir-raba' post, x'aktarx riżultat tal-mard li ħakem dan l-aħħar lil ħafna annimali, barra mit-tgergir li mhux dejjem issibu tari. Imbagħad hemm **Ikel ieħor**, bħalma huwa l-Ikel Ċiniż, li jinżel tajjeb ma' dawk li jħobbu l-ikel orjentali....

Hu x'inhu, l-importanti li toħroġ sodisfatt ta' dak li tħallas!

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.




*"Is-Smewwiet ixandru*
*l-kobor tal-Mulej*
*Għemil idejh tħabbar*
*il-firxa tas-smewwiet."*

Salm 19 (18)

*"Bierek ruħ tiegħi lill-Mulej*
*Mulej Alla tiegħi*
*int kbir bil-bosta*
*Kemm huma kotrana*
*l-għemejjel tiegħek Mulej*
*Kollha bil-għerf għamilthom*
*Mimlija l-art*
*bil-ħlejjaq tagħhom."*

Salm 104 (103)

**Jeħtieġ li dawn is-sentimenti tas-Salmista, nagħmluhom tagħna.**

*Il-Papa Ġwanni Pawlu II*
*KATEKEŻI fuq is-Salmi.*

## L-ART HI TA' ALLA

L-ART hi ta' Alla l-Ħallieq. Għalhekk għandna nittrattawha skond il-Liġi Tiegħu.

Fil-Ġenesi (1,28) insibu l-kmand ta' Alla:

**"Nisslu**
**u oktru**
**u mlew l-art**
**u aħkmuha..."**

## L-ART HI FDATA F'IDEJN IL-BNIEDEM

Dan il-kliem famuż tal-Ġenesi juri li l-art hija fdata f'idejn il-Bniedem

- BIEX JUŻAHA,
- U mhux biex jabbuża minnha.

Dan il-kliem ma jagħmilx lill-bniedem

- "Sid assolut",
- iżda "sieħeb" flimkien mal-Ħallieq.

## L-ART hi ddestinata għall-bnedmin kollha

Il-ġid u l-frott ta' l-art hu ddestinat għal kulħadd. Għax Alla ta' Missier li hu, jaħseb f'uliedu kollha.

L-art għalhekk hi għal kull bniedem u għall-bnedmin kollha.

Kull bniedem, kull poplu għandu dritt li jgħix mill-frott ta' l-art.

*Il-PAPA ĠWANNI PAWLU II*
*lir-Rappreżentanti ta' l-Agrikoltura*
*11/01/2000.*





## Iddiżappuntajna lil Alla

*"Il-bniedem irċieva missjoni li jaħkem fuq il-ħolqien...*
*Għalhekk għandu jaħkem B'GĦAQAL U b'IMĦABBA."*

Evangelium Vitae, nru. 52

*Disgrazzjatament l-Umanita' ddiżappuntat il-PJANIJIET TA' ALLA.*

*Speċjalment fi żmienna, il-bniedem mingħajr għaqal*

- ***qered** il-pjanuri mimlijin siġar,*
- ***għarraq** il-widien,*
- ***niġġes** l-ilma,*
- ***ħassar** l-ambjent,*
- ***ħarbat** is-sistema idroġeoloġika u atmosferika,*
- *l-għelieqi għammiela bil-ħdura **bidilhom** f'deżert, u*
- ***wettaq** forom ta' industrijalizzazzjoni bla ebda kontroll.*

*U HEKK ġiet imkasbra din l-ART li hi DARNA LKOLL.*

Il-PAPA ĠWANNI PAWLU II
Udjenza Ġenerali
17/01/2001

## "Għandna nkunu l-għassiesa tan-natura"

**- Il-Papa**

*Il-ħidma ta' l-agrikoltura fi żmienna kellha tħabbat wiċċha mal-konsegwenzi ta' l-industrijalizzazzjoni u xi drabi*

- *ma' l-iżvilupp diżordinat tal-bini,*
- *mat-tniġġis ta' l-arja,*
- *mal-ħsara ekoloġika,*
- *ma' l-iskart tossiku (velenuż),*
- *mat-tkissir u l-qtugħ ta' siġar.*

*"L-INSARA għandhom jagħmlu SFORZ RESPONSABBLI biex IN-NATURA TIĠI MĦARSA"*

Il-PAPA ĠWANNI PAWLU II
Ġublew tal-ħaddiema
fil-qasam ta' l-agrikoltura
12/11/2000.

## Bżonn ta' "Konverżjoni Ekoloġika"

*F'dawn l-aħħar snin, il-bnedmin saru aktar sensittivi u konxji mill-katastrofi li lejha l-umanita' tinsab riesqa.*

*Il-bniedem illum qed jittendi li kellu bżonn **jieqaf** qabel ma jiġġarraf fl-abbiss.*

*Hemm bżonn mhux biss*

*i) ta' **ekoloġija fiżika** jiġifieri li jiġi mħares l-ambjent.*

*ii) Iżda wkoll ta' **EKOLOĠIJA UMANA** li tiġi mħarsa u rispettata l-ħajja fil-forom kollha tagħha.*

Il-PAPA ĠWANNI PAWLU II
Udjenza Ġenerali
17/01/2001.



BOOKMARK

**Mons. Albert Curmi, "Ix-Xlendi ta' Ċkuniti"**
**J. de Bono Printing, Nadur, Gozo, 2001, Jinbiegħ Lm 1.20 ċ.**

*Dan l-aħħar Mons. Albert Curmi mill-Fontana ppubblika ktejjeb dwar il-bajja pittoreska tax-Xlendi. Sfortunatament l-aġġettiv 'pittoresk' ma tantx għadu jgħodd għal din il-bajja għax kif qal tajjeb il-kittieb fid-daħla: "il-qerda naturali li saret fix-Xlendi, li xi wħud, għal skopijiet personali, isejħulha 'żvilupp', wasslet biex bidlet il-fiżjonomija tal-bajja u għamlet minnha 'monstru'." Dun Bert jagħtina deskrizzjoni tax-Xlendi kif jafu hu fi tfulitu. Dan jagħmlu b'ċerta nostalġija u għafsa ta' qalb għax ċertament ix-Xlendi tal-lumm'għadux ix-Xlendi ta' ħamsin sena ilu.*

*Il-ktejjeb fih 44 paġna. Wara daħla qasira tal-kittieb issib sensiela ta' artikli qosra dwar in-nies tax-Xlendi fosthom is-sajjieda u l-bdiewa li kienu jgħixu jew jiffrekwentaw ix-Xlendi, u ħafna tagħrif interessanti li għandu x'jaqsam max-Xlendi u l-inħawi tal-madwar. Il-ktejjeb jagħlaq b'numru ta' poeżiji dwar ix-Xlendi. Il-kitba hija mexxejja u kull artiklu huwa deskrizzjoni ħafifa imma ħelwa ta' l-oġġett li l-awtur jixtieq ipinġi quddiemna. Il-ktejjeb huwa mimli b'numru mhux ħażin ta' ritratti antiki li juru preċiżament dak li l-awtur jiddeskrivi. Għalhekk il-ktejjeb qisu album tar-ritratti ta' madwar ħamsin sena ilu. Forsi kienet tkun iktar effettiva kieku l-awtur għamel deskrizzjoni qasira ta' kull ritratt li hemm fil-ktejjeb għax xi wħud mir-ritratti għandom valur storiku.*

*L-għan tal-ktejjeb mhux wieħed storiku, għalhekk qajla ssib dati fih. L-iskop ta' l-awtur huwa li jħalli tifkira tax-Xlendi kif jafu hu fi ċkunitu. Dan huwa ritratt personalizzat tax-Xlendi ta' madwar ħamsin sena ilu. Kull post imsemmi huwa deskrizzjoni ħajja u nostalġika ta' kif jiftakarha l-awtur li għadda l-aħjar żmien ta' tfulitu f'dan il-post. Anke wara li kiber, Dun Bert baqa' midħla tax-Xlendi u għalhekk seta' jara b'għajnejh ir-rovina ambjentali li saret mix-Xlendi speċjalment f'dan l-aħħar kwart ta' seklu. Il-poeżiji li hemm fl-aħħar tal-ktejjeb huma bikja kontinwa ta' bniedem li qiegħed iħoss 'għafsa ta' qalb' meta jara din il-qerda kollha quddiem għajnejh. L-awtur, barra li jagħtina deskrizzjoni tal-postijiet fix-Xlendi, jiddeskrivi wkoll il-ħajja ta' kuljum tan-nies li kienu joqogħdu x-Xlendi. L-awtur jagħtina kwadru ħaj tal-ħajja tal-bdiewa u tal-ħajja xejn anqas faċli tas-sajjieda li fil-maġġoranza tagħhom kienu mill-parroċċa tal-Fontana jew it-Triq tal-Għajn, kif kienu magħrufa dawk l-inħawi dak iż-żmien. Barra minhekk huwa jsemmi diversi drawwiet li llum jinsabu biss fil-kotba ta' l-istorja. Illum meta tmur ix-Xlendi ma għadekx tara bdiewa jew sajjieda. Wara nżul ix-xemx il-ħajja tax-Xlendi torqod u kienet taqa' ħemda taqtagħha b'sikkina. Id-dalma tal-lejl kienet tittaffa xi ftit b'xi fanali fuq il-moll jew fil-port li kienu jinxtegħlu kull filgħaxija. Skond l-awtur, b'kollox kien ikun hemm bejn 14 u 16-il fanal li kienu jagħtu dehra li ssaħħar tax-Xlendi bil-lejl. Jiena wkoll għadni niftakar din ix-xena fantastika. Illum fejn għadek tisma' l-bikja tal-gawwi fuq il-blat? Anke għasafar bħall-Merill u l-Barbaġann inqerdu mill-Wied tax-Xlendi.*

*Matul il-ktejjeb kollu l-awtur jiddispjaċih għat-telfa tal-ġmiel naturali li x-Xlendi kien imżejjen bih tant li awtur ieħor xebbħu ma' presepju. Illum il-bajja tax-Xlendi saret wisq kummerċjalizzata u f'waħda mill-poeżiji:* L-Osmosi Moderna tal-Ġebel.... fix-Xlendi *l-awtur veru jolqot il-musmar fuq rasu meta jgħid:*

*"Ġebel, ġebel, ġebel; Ġebel ma' kullimkien;*
*Kull fejn iddawwar wiċċek; M'hemmx ħlief twieqi w bibien."*

*L-awtur jiġbor l-għan kollu tal-ktejjeb tiegħu fl-istess poeżija meta jgħid:*

*"Biex hekk almenu jibqa'; Xi ħjiel ta' dis-sbuħija."*

*Dan huwa ktejjeb li kull min iħobb il-folklor u l-ġmiel naturali t'Għawdex kif kien fil-passat għandu jakkwistah. Barra minn hekk il-prezz hu wieħed tassew moderat meta wieħed jikkunsidra n-numru kbir ta' ritratti li fih, li ħafna minnhom issibhom biss f'xi kollezzjoni privata. Il-ktejjeb huwa mitbuq tajjeb fl-istamperija* J. de Bono Printing. *Ħasra li ċerti żbalji ta'l-ortografija huma repetuti ta' spiss.*

**Dr. Mario Saliba**

John Portelli Ent. Ltd.
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

# Marsalforn

Fr. Eddie Camilleri S.J.



Marsalforn fl-1888

© Richard Ellis Ltd. - Malta

*Marsalforn kif nafu jiena*
*bixra kellu mhux tal-lum,*
*it-tibdil li bil-mod daħal*
*ħadd ma basru dak il-jum.*

*Kien għalina, l-Għawdxin f'Malta*
*post ta' btala għal ftit xhur,*
*fejn niltaqgħu, niddevertu,*
*wara sena ta' dulur.*

*Turrufnati nħossuna*
*aħna wlied it-Tlett Għoljiet*
*u għatxana dejjem nibqgħu*
*ta' gżiritna għall-barkiet.*

*Ħobż u ftajjar u qagħaq primi*
*joffri kien Ġorġ ta' Gerit,*
*li bil-ħmara tluppi, tluppi*
*kien iżurna ta' sikwit.*

*Il-"Kawkawwa" li mix-Xagħra*
*kienet tinżel ta' kuljum,*
*bajd u frott kienet toffrilna,*
*frisk, maqtugħ dak l-istess jum.*

*"Żeppu" kien tip veru rari*
*żgħajjar, żgħajjar kien fil-qjies*
*merħla mogħoż kien hu jwassal*
*biex ħalib ibiegħ lin-nies.*

*Schembri Karmnu "tas-sufija"*
*ta' Sivilja le Barbier,*
*ħajjat kien mhux tant komuni*
*iħabbatha mal-frustier.*

*"Tal-Baxan" kienet Rożina,*
*paċenzjuża sieħeb Ġob,*
*ċorma tfal kienu jħabbtuha*
*hemm quddiemha b'ħafna logħob.*

*Inpattulha b'xi mod konna,*
*għax mingħandha kważi biss,*
*konna nixtru ħelu varju,*
*dan mhux darba imma spiss.*

*Karmnu kien it-tifel tagħha,*
*xogħolu kien jixgħel id-dawl*
*imma sab fi triqtu dejjem*
*min jagħmilha ta' mingħul.*

*Xi żarmuċ xebħ ix-xadini,*
*kien jiddendel mal-fanal*
*u l-lampi kien hu jitfi*
*bħal xi xema' ta' altar.*

*Issa tifhmu għax għalina*
*l-Għawdxin f'Malta li qegħdin*
*Marsalforn dan kollu jfisser*
*għax jagħmilna hu henjin.*

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI ②



# Kristu - persunaġġ storiku

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

Biex wieħed jemmen fi Kristu u fil-messaġġ tiegħu, jeħtieġ qabel xejn li jkun persważ u b'argumenti sodi mill-eżistenza storika ta' Kristu. Dan il-persunaġġ li kien jgħix fil-Palestina, madwar 2000 sena ilu, jappartjeni għall-istorja tal-bnedmin, bħal kull persunaġġ storiku ieħor li kiseb ċerta fama. Din l-affermazzjoni dwar l-eżistenza ta' Kristu jeħtieġ li tiġi ppruvata bir-reqqa, b'dokumenti storiċi u awtentiċi. Għalhekk l-ewwel problema li rridu naffrontaw biex nistudjaw sewwa l-misteru ta' Kristu, hija l-problema storika (*ara Nicolino Sarale, Certezze su Cristo, Roma 9*), u għalhekk li huwa tabilħaqq persunaġġ storiku, u dan naturalment qabel ma ngħaddu biex naraw min kien, x'għamel u x'għallem.

Il-kritika radikali tal-Vanġelu li għamlu xi teoloġi liberali Protestanti, wasslithom saħansitra biex jiċħdu l-eżistenza storika ta' Kristu. F'dan l-iżball waqgħu fost l-oħrajn Bruno Bauer, Albert Kalthoff, Arthur Drews, ecc.

Iżda l-eżistenza storika ta' Kristu hija ppruvata b'ċertezza, mhux biss bix-xhieda ta' awturi nsara, iżda wkoll ta' oħrajn li m'humiex Insara, u li ma jista' jkun hemm ebda suspett li huma kienu nfluwenzati minn xi simpatija lejn Kristu u lejn ir-reliġjon tiegħu. Iżda għandna raġun inżommu li l-aqwa prova storika li Kristu kien jeżisti tabilħaqq insibuha fix-xhieda millenarja li tat dwaru l-Knisja mwaqqfa minnu.



Nistgħu nsemmu sitt tipi ta' xhieda: il-kittieba pagani, il-kittieba Lhud, il-kittieba apokrifi, ix-xiehda tal-Vanġelu, setet insara u eretiċi u x-xhieda tal-Knisja.

## I. Il-kittieba pagani:

Taċitu (60-120) fl-Annales (XV, 44), miktuba qrib is-sena 116, jgħid li; "*Dab l-isem (ta' nsara Kristjani) ġej minn Kristu li kien mogħti għall-mewt mill-prokuratur Ponzju Pilatu, taħt is-saltna ta' Tiberju. Din is-superstizzjoni misħuta għad li mgħakksa, kienet terġa' tinbet mill-ġdid, mhux biss fil-Ġudea, pajjiż ta' l-oriġini ta' dan il-ħażen iżda wkoll f'Ruma*" (persekuzzjoni kontra l-insara wara l-inċendju tas-sena 64).

Svetonju (75-160) fil-kitbiet bil-Ħajjiet ta' l-Imperaturi (XVI) qrib is-sena 120 jikteb dwar l-inkwiet tal-Lhud li ġej minn Kristu "*impulsare Christo*". Huwa jsemmi l-kastigi mogħtija lill-insara u t-tkeċċija tal-Lhud mill-belt ta' Ruma.

Iż-żagħżugħ Plinju (62-113) fl-ittra (Ep X, 96) jagħtina informazzjoni dwar it-tixrid rapidu tal-Kristjaneżmu fl-Asja Minuri. Kienet drawwa ta' l-insara li jkantaw innijiet f'ġieħ Kristu ("*quasi Deo*"). Iż-żagħżugħ fis-sena 112 jikteb lill-Imperatur Trajanu. Hemm ukoll ittra ta' l-imperatur Adrijanu, lill-prokonslu ta' l-Asja. Dawn jippruvaw li fis-sena 64 il-Kristjaneżmu kien imxerred f'ħafna provinċji u kien theddida għall-kult idolatriku.

Luċjanu minn Samosata (125-190) kiteb li kien Kristu li beda d-din ġdid ta' l-insara u li miet imsallab fil-Palestina.



## III. L-Apokrifi:

Il-kotba apokrifi kienu dawk li l-Knisja ma aċċettathomx bħala kotba ispirati u ma daħħlithomx fil-kanoni, jew lista tal-Kotba Sagri. Il-Knisja Latina, flimkien ma' Santu Wistin u San Ġilormu, dejjem żammet iebes fir-rigward ta' dak kollu li kellu x'jaqsam mal-kitbiet apokrifi. Kif jgħidilna San Esuperio, Isqof ta' Tolosa, il-Papa Innoċenzu I jgħallimna li l-kotba apokrifi mhux biss għandna nwarrbuhom iżda jeħtieġ li nikkundannaw kull kitba li ġġib falsament l-isem ta' l-Appostli.

Wieħed ma jistax jiċħad illi l-fonti veri ta' l-istorja li għandha x'taqsam ma' Kristu huma unikament l-Iskrittura u prinċipalment il-Vanġeli, li minnhom il-persuna ta' Kristu tidher ċara kif tgħallimna l-fidi u l-Knisja tipproponielna, jiġifieri l-Iben t'Alla magħmul bniedem, il-bniedem Alla. L-apokrifi fihom tagħlim żbaljat u ċerti rakkonti huma aktar ħrejjef milli ġrajjiet veri. Iżda l-apokrifi huma prova oħra li l-isem ta' Kristu kien magħruf u li hu kien meqjus bħala persuna li kienet teżisti tabilħaqq.

Il-Knisja tal-Lvant tieħu bosta elementi minn kotba apokrifi, hekk ngħidu aħna ċerti festi bħal tal-preżentazzjoni tal-Madonna, u l-ismijiet ta' ċerti qaddisin bħal San Ġwakkin u Sant'Anna, il-ġenituri tal-Madonna. Bħala eżempju nsemmu l-Proto-Vanġelu ta' Ġakbu, il-Vanġelu tal-Lhud, il-Vanġelu ta' Pietru u l-Vanġelu ta' Tumas.

(*ikompli fil-ħarġa li jmiss*)

## II. Fonti Lhud:

Il-magħruf storiku Ġużeppi Flavju (Antikita` Ġudajka qrib 93-94, XVIII, III, 3) tkellem dwar il-mewt ta' Kristu. Huwa jikteb li "*Kristu minn Pilatu ġie kkundannat għall-mewt tas-salib*" u li "*d-dixxipli baqgħu jħabbruh għaliex hu (Kristu) dehrilhom fit-tielet jum wara mewtu*". Iżda hemm dubju kemm dan it-test huwa wieħed awtentiku.

San Ġustinu fil-ktieb tiegħu 'Djalogu mal-Lhudi Trifone' jagħti ġudizzju tal-Lhud dwar Ġesu`: "*Ġesu`, il-Galilew, huwa fundatur ta' setta bla twemmin u kontra l-liġi. Aħna sallabnih. Id-dixxipli tiegħu bil-lejl serqu l-kadavru u ngannaw lin-nies billi qalulhom li rxoxta u tela' fis-sema.*"

# Your adrenalin pumps (2.0Ltr. Common Rail Diesel - 111bhp)

# Your scalp sweats (rugged build)



# Your nerves might tingle (feel of individuality)

# But you can relax...

**...because the new Hyundai Santa Fe will respond to every move you make with all four wheels firm to the ground.**

Well, here it is, the Hyundai Santa Fe you've all been waiting for. Bold futuristic looks, easy handling, highly civil personality make it the ideal vehicle for town and village driving, but also the perfect weekend car offering abundant cabin space and 4x4 capability.

Test drive the Santa Fe and get your adrenaline flowing... you'll instantly realise that it handles like a well-mannered sports sedan and can negotiate rough terrain with the authority of a champion off-roader.

2002 FIFA WORLD CUP KOREA JAPAN

HYUNDAI
PREPARE TO WANT ONE

**JUST ARRIVED**

**SANTA FE**

**With common rail diesel engine**



**Standard equipment:** ABS with rear disc brakes; air-conditioner; power windows front & rear; roof rails; radio cassette; power steering; height adjustable seat and steering; dual airbags; underbody skid plate; front fog lamps; electric outside mirrors; central door locks; immobiliser; 16" alloy wheels.

**3 YEAR WARRANTY**

**Eucharist Mercieca Auto Ltd.**

Mġarr Road, Victoria - Gozo.

Tel.: 559977, 565610, 552593 Tel/Fax: 557716 Mobile: 0949 6025, 7949 6025

**VRT for Trucks & Cars and all types of Insurances**

## Speċjali



# Dun Ġużepp Cauchi (1900 - 1955)

jikteb Angelo Xuereb

*Nhar it-8 ta' Lulju 2001 sar it-trasport tal-fdalijiet ta' Dun Ġużepp Cauchi għaċ-ċimiterju ta' San Lawrenz. Infatti qabel huwa kien midfun fiċ-ċimiterju taż-Żejt fil-Għarb.*

Dun Ġużepp twieled fir-raħal ta' San Lawrenz fit-8 ta' Settembru 1900. L-ewwel beda jattendi l-iskola ta' l-Għarb. Wara l-istudji tiegħu fis-Seminarju bħala estern u fis-Seminarju Maġġuri, huwa ġie ordnat saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1926 minn Mons. Mikiel Gonzi, li dak iż-żmien kien l-Isqof ta' Għawdex.

Dan il-qassis ħa l-missjoni li rċieva mingħand il-Knisja bis-serjeta`. Huwa mill-ewwel intefa' b'ruħu u b'ġismu għall-ħajja ta' apostolat fost in-nies tal-post u dawk tal-viċin. Kien jgħaddi sigħat sħaħ mehdi fit-talb. Il-parti l-kbira tal-ġurnata kien jgħaddiha fil-Knisja jitlob, iqarar, u jieħu ħsieb il-ħtiġijiet tal-Knisja. Huwa kellu devozzjoni lejn il-Passjoni ta' Sidna Ġesu` Kristu. Ma naqas qatt li jagħmel ta' kuljum il-Via Sagra. Kien saħansitra jilbes iċ-ċilizzji biex jimita lil Kristu sofferenti. Kellu wkoll devozzjoni qawwija lejn il-Madonna.

Barra minn hekk huwa ddedika ħinu għall-apostolat mat-tfal, mal-moribondi u mal-foqra. Huwa kien jaqsam il-ġid żgħir li Alla kien jipprovdilu ma' l-oħrajn. Mhux ta' min jinsa li f'dawk iż-żminijiet, għalkemm il-poplu kellu stima kbira lejn is-saċerdoti, id-dħul ta' ħafna minnhom kien baxx u xi wħud forsi għexu wkoll ħajja ta' miżerja bħall-bqija tal-poplu.

Wara kważi għoxrin sena ta' ħidma saċerdotali Dun Ġużepp inżamm mis-superjuri tiegħu li ma jqararx, ma jippriedkax u lanqas iqaddes. Naturalment dan kien żmien iebes u ta' prova għalih. B'danakollu huwa wera l-umilta` tiegħu billi kien jersaq jitqarben mal-poplu. Ta' min isemmi wkoll li ġrajjiet bħal dawn seħħew anke fil-ħajjiet tal-qaddisin. Wieħed minn dawn il-persuni li ġarrab dan kien il-Beatu Piju tal-Pjagi. Fl-aħħar żmien ta' ħajtu, Dun Ġużepp reġa' ngħata l-permess li jqaddes. Seta' kien hemm xi żball ta' xi ħadd, jew xi ħadd xlieh b'mod falz quddiem l-awtoritajiet tal-Knisja. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, fl-okkażjoni tat-trasport tal-fdalijiet għaċ-ċimiterju ta' San Lawrenz, għamel appell biex kull min jaf xi ħaġa ta' siwi fuq dan il-każ jgħarraf lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi.

Dan il-qassis miet fqir nhar it-13 ta' Awissu 1955. Iżda kull min jiftakru jqisu bħala qassis umli u twajjeb li kellu għal qalbu lil Sidna Ġesu` Kristu.

Il-ħajja ta' Dun Ġużepp Cauchi tgħallimna li l-insara għandhom jirrispettaw is-saċerdoti u qabel jitkellmu dwarhom jiżnu sewwa dak li jkunu se jgħidu.


**ALMAR PETSHOP**



James Muscat

*Ninu Cremona Street*
*Victoria VCT 111, Gozo.*

*Tel. 553948*
*557226*

MARIO DISPENSING OPTICIANS

57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

TOYOTA

This is the only way to fold a Yaris.




**YARIS.** THE SAFEST SMALL CAR IN EUROPE*. You'd think that in a small car you're less protected. Now, with the Yaris you will certainly change your mind. The Yaris has recently scored best in class in the latest EuroNCAP side and front crash tests. With 29 points, the Yaris ranked third of all cars ever tested by EuroNCAP! Add to that double airbags and pre-tensioned seat belts as standard with ABS as an option and you have the safest small car in Europe. Besides setting new safety standards, the Yaris, offers exceptional interior space and modularity, its high-position seating and no less than 13 storage compartments keep all this room free of clutter.

If the Yaris is a perfect combination of security and comfort, it is also a joy to drive. The Yaris provides the optimum balance between performance and fuel efficiency with two advanced 1.0 litre and 1.3 litre VVT-i (Variable Valve Timing with intelligence) engines.Yaris is about a new way of designing cars, beginning with the most valuable and sophisticated component: you.

**www.toyota.com**

* Based on side and front crash tests data, gathered independently by the European New car Assessment Program (NCAP).

EURO NCAP
www.euroncap.com

★★★★
**Four stars**
**29 points**

**debono** • Rohan Arch - Zebbug • Tel: 465806, 465642. Fax: 464095.

ARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer. Tel: 556678, 553715

16615-12/2000




## Is-Summit tal-G8

Nhar is-Sibt, 21 ta' Lulju, waqt li s-*summit* tal-Laqgħa tat-Tmienja f'Genova kien riesaq lejn tmiemu, il-Kard. Angelo Sodano wassal il-messaġġ personali tal-Papa li fih wiegħed lill-parteċipanti tal-laqgħa t-talb tiegħu u talab lill-mexxejja tal-G8 biex jippromwovu "kultura ta' solidarjeta`". Il-Papa semma t-tama tiegħu li l-laqgħat *"jagħmlu possibli soluzzjonijiet konkreti għall-problemi li l-aktar itaqqlu l-ħajjiet ta' ħutna u r-relazzjonijiet tagħhom ma' oħrajn - paċi, faqar, saħħa u ambjent."*

L-għada l-Ħadd, wara l-Angelus, Ġwanni Pawlu II esprima s-sofferenza tiegħu għall-inkwiet li nqala' f'Genova tul il-laqgħa tas-summit . *"Il-vjolenza mhix it-triq biex tintlaħaq soluzzjoni ġusta"*, huwa qal.

Fit-23 ta' Lulju, il-President George W. Bush kellu laqgħa mal-Papa f'Castel Gandolfo. Fost l-oħrajn il-Papa Wojtyla tkellem dwar il-globalizzazzjoni u qal li waqt li l-Knisja tapprezza l-opportunitajiet ta' ġid materjali li jista' joħroġ minnha, titħasseb dwar kif id-dinja għadha mifruda, mhux aktar fi blokki politiċi u militari, iżda minn sinjal traġiku li jifred lil dawk li jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet u dawk li jidher li huma mċaħħdin minnhom.

## Żjara fil-Kazakstan u fl-Armenja għal Settembru

Ġwanni Pawlu II għandu jagħmel żjara pastorali lill-Knisja Kattolika fil-Kazakhstan mit-22 sal-25 ta' Settembru. Mill-25 sas-27 tax-xahar se jmur l-Armenja fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tas-17-il ċentenarju tal-Kristjaneżmu fil-pajjiż. Dan ser ikun il-95 vjaġġ apostoliku barra l-Italja.

## Putin favur li l-Papa jżur Moska

Il-President Russu Vladimir Putin ta l-appoġġ tiegħu għal żjara ta' Ġwanni Pawlu II f'Moska. Lill-ġurnal Taljan Corriere della Sera , Putin qal li ż–żjajjar tal-Papa lill-pajjiżi tal-Lvant ta' l-Ewropa bħall-Ukrajna kienu "żviluppi pożittivi". Qal li jittama li l-Papa ma jdumx ma jmur Moska.

L-affermazzjoni pubblika tal-mexxej Russu poġġietu f'kunflitt mal-Patrijarka Ortodoss Russu Aleksei II, li spiss qal li m'hux iż-żmien opportun għal żjara papali f'Moska. Dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Vatikan u l-Patrijarkat ta' Moska, Putin qal li jixtieq jara *"ftuħ ta' orizzonti ġodda"* fir-relazzjoni bejn iż-żewġ Knejjes.

## Israel: l-Insara, nies li jġibu l-paċi

Il-Prim Ministru Israeljan Ariel Sharon ta x'wieħed jifhem li l-insara ta' l-Art Imqaddsa jiżvolġu rwol importanti biex tinkiseb il-paċi fir-reġjun. Il-mexxej Israeljan, f'intervista ppubblikata fuq ir-rivista *Famiglia Cristiana* tkellem mill-insara ta' l-Art Imqaddsa bħala *"pont bejn il-komunitajiet"*. Qal li għandhom jimxu wara l-Papa, fil-ħidma tal-paċi u l-qerda tal-mibegħda u tal-vjolenza.

## L-Indja: il-Knisja tiġġieled kontra l-malarja

Epidemija ta' malarja fid-djoċesi ta' Dumka affettwat miljun ruħ fir-reġjuni ta' Dumka u Jamshedpur. Skond l-aġenzija ta' l-aħbarijiet SAR, il-kriżi ġejja minn ammonti insuffiċjenti ta' DDT li ġew sprejati fir-reġjuni vulnerabbli ta' l-istat ta' Jharkhand tul Ġunju.

*"Il-malarja ċerebrali hi l-aktar perikoluża"*, qal l-isqof ta' Dumka, Julius Marandi. *"Jekk ma tiġix trattata dritt u b'mod effettiv, faċilment twassal għall-mewt tal-pazjenti."* Traġikament, 90% tal-każi ta' malarja fid-djoċesi tmexxi 50 ċentru tas-saħħa, immexxija minn sorijiet mħarrġa bħala *nurses*. *"M'aħniex kapaċi nilħqu ħafna postijiet, minkejja r-rieda tagħna"*, qal. Qed jagħmlu li jistgħu biex ma jħallux il-katastrofu jikber.




# TWEMMIN FIERAGĦ TA' L-GĦAWDXIN

*(It-Tielet Parti )*

Wieħed għandu għax jiskanta kemm niesna ta' dari kienu jassoċjaw kull ħaġa li jaraw mas-superstizzjoni. B'dana kollu kien hemm ċertu raġunar f'dak li jivvintaw, għalkemm loġikament ir-raġunament aktarx ma jreġix. Fil-bidu ta' dawn l-artikli diġa` konna għidna li l-argument tas-superstizzjoni huwa wieħed fundamentalment skorrett u ħażin għax il-konsegwenzi assoċjati mas-superstizzjoni jistgħu jkollhom oriġini ferm differenti minn dak li naħsbu aħna. Inkomplu llum bis-superstizzjonijiet dwar insetti, tjur, xtieli u siġar, mard, fejqan, ħlejjaq mistħajla u xi mediċina popolari.

**Il-Bħari**

Il-baħrija hija nsett jixbaħ ħafna l-farfett. Hemm diversi speċi b'ilwien u disinni differenti. Il-baħrija toħroġ l-aktar bil-lejl, għalkemm bi nhar nistgħu naraw xi waħda wkoll l-aktar jekk intajruha minfejn tkun qiegħda f'xi kamra mudlama. Issa lewn il-baħrija jista' jkun skur għal iswed, u jista' jkun griż għal bajdani. Lewn il-baħrija għandu importanza mill-akbar fis-superstizzjoni. Aħna diġa` għidna li l-iswed u l-iskur huma lwien assoċjati mar-riżq ħażin, mal-vistu, mal-mewt.... L-abjad, mill-banda l-oħra, ifisser ir-riżq tajjeb, il-ferħ, il-ħajja, it-tjieba, il-ġid. Issa l-konsonanti tal-kelma baħrija u bħari huma l-istess bħal ta' ħabar u aħbar, għalkemm m'humiex fl-istess ordni. Għalhekk, dan l-insett ġie assoċjat ma' l-aħbarijiet. Jekk il-baħrija li tara tkun sewda, ġejja aħbar ta' riżq ħażin, aħbar ta' dwejjaq u anki mewt; jekk il-baħrija tkun bajda, ġejja aħbar ta' riżq tajjeb. U l-aħbar tkun tvarja skond il-kulur tal-baħrija. Aktar ma jkun karg il-lewn, aktar tkun skjetta l-aħbar. Baħrija bajda tista' tfisser ukoll li ma jdumx ma jiġi xi ħadd mis-safar.

Iżda hawnhekk ta' min jgħid li bil-Għarbi l-baħrija tissejjaħ ukoll baxxara (Dizzjunarju ta' Al Mawrid), dik li ġġiblek il-bxara. F'dan il-każ is-superstizzjoni jista' jkollha għeruq fondi qalb il-popli semin.

**It-Tiġieġa tqaqi/tidden!**

Hawn Għawdex jgħidu li t-tiġieġa tibda tqaqi biex turi li ħa tbid, speċi qiegħda tiftaħar għax se tagħmel bravura. B'xorti ħażina llum il-btieħi u l-imnadar tat-tiġieġ naqsu ħafna f'Għawdex, għalhekk ftit huma dawk li jistgħu japprezzaw dan it-tip ta' superstizzjoni.

Jingħad ukoll li t-tiġieġa tista' tidden bħas-serduk. Imma din hija ħaġa rari ħafna. U Alla ħares ma kienx hekk. Jekk xi ħadd ifettillu jisma' tiġieġa tidden, allura din għandha tinqatel mill-ewwel għax tkun qiegħda tħabbar il-mewt ta' xi ħadd fil-familja.

**Il-Gażżija**

Il-gażżija hija sġajra tar-razza ta' l-acacia. M'għandhiex fama tajba wisq ma' l-Għawdxin. Jingħad li l-maltemp jista' jkissirlek il-qsari kollha, imma Alla jbierek il-gażżija tibqa' sħiħa. Tagħmel fjuri qishom boċoċ sofor bħad-deheb u dan il-lewn ħaditu għax darba l-Madonna, meta kienet sejra l-Eġittu bil-Bambin, naxret il-ħrieqi ta' Ġesu` fuq il-gażżija. Dari kien jingħad li qatt m'għandna ndaħħluha d-dar ma' qsari oħra għax inkella l-kap tal-familja jmut fi żmien sena.

**It-Tursin**

It-tursin jinżera' biż-żerriegħa f'Settembru qabel ma tagħmel l-ewwel xita. Safejn naf jien ħadd ma jħawwel it-tursin. Imma miskin int jekk tagħmel hekk, għax jekk taqla' tursina u terġa' tħawwilha x'imkien ieħor, tista' titlef jew lil ommok jew lil missierek.

**Il-Basal tal-Għansar**

Il-basal tal-għansar jikber f'imkejjen fejn ikun hemm il-blat, jiġifieri fil-qċaċet ta' l-għoljiet, ma' ċerti sisien, fix-xagħri, u fil-moxa. Il-basal ta' l-għansar itella' l-bastun f'Awissu. Issa l-bdiewa tagħna jemmnu li jekk

jiftaħ qabel Santa Marija, ix-xita tkun bikrija; jekk jiftaħ wara Santa Marija, ix-xita tkun imwaħħra. Jekk iz-zokk ikun mgħawweġ u mmejjel tkun ġejja sena ħażina; jekk ikun dritt tkun ġejja sena tajba. Jekk ikun hekk u hekk, is-sena tkun imħallta.

Ngħidu aħna, fis-sena 2000, il-bastun tal-basal ta' l-għansar tela' wara Santa Marija. Allura x-xita kellha tkun imwaħħra. Filfatt hekk ġara, u kienet skarsa wkoll. Imma din kumbinazzjoni?

**Ix-Xewk ta' l-Għadu**
Dwar ix-xewk insibu diversi tradizzjonijiet: għandna x-Xewk ta' Kristu għax jingħad li ntuża fil-kuruna li biha s-suldati Rumani kienu nkurunaw lil Ġesu`; ix-Xewk tax-Xitan, xewk li l-qaqoċċa tiegħu tidher qisha għajn kbira u kerha, u terġa', dan ix-xewk jingħad li żergħu x-Xitan meta Alla keċċa lil Adam u Eva mill-ġenna ta' l-art biex iżidilhom it-tbatija; imma l-isbaħ waħda fuq ix-xewk hija dik dwar ix-Xewk ta' l-Għadu. Xi drabi jiġri li fir-raba', mingħajr ma nafu kif, jinbet ħafna xewk. Il-bdiewa kienu jemmnu li dak ix-xewk jiżirgħu "l-għadu" biex xi ħadd iżidilhom ix-xogħol u r-raba' jagħmel inqas. Imma din hi superstizzjoni għaliex meta jinbet ħafna xewk aktarx li ż-żerriegħa tkun inġarret mill-ilma tax-xita.

**Il-Budebbus**
Il-budebbus hija xitla parassita li tgħix minn fuq pjanti oħrajn. Hemm diversi tipi ta' budebbus, imma l-akbar budebbus narawh jikber fejn ikun hemm il-ful. Diversi bdiewa Għawdxin jemmnu li l-budebbusa toħroġ mill-fula stess u mhux tinbet miż-żerriegħa. Issa din li l-budebbusa toħroġ mill-fula hija mhux biss superstizzjoni stramba, imma wkoll twemmin falz. Il-budebbus, billi hu xitel parassita, jagħmel għadd tassew kbir ta' żerriegħa rqiqa ħafna u li sservi ħafna snin. U dan biex ix-xitla tiżgura t-tnissil tagħha. U ż-żerriegħa tibqa' tistenna sakemm jasal il-waqt tajjeb għaliha. Kieku ma kienx hekk, ir-razza kienet tinqered malajr għax weħdiha ma tikbirx.

**Ix-Xgħira**
Xi drabi jiġri li x-xifer ta' l-għatu ta' għajnejna jintefaħ u jieħu s-sura ta' xgħira. Dan jiġri jew minħabba xi infezzjoni mid-demm inkella għax naqilgħu xi xagħra mit-tarf tal-għatu. Issa, bħalma diġa` tarrafna, hawn min jemmen li jekk xi ħadd titlagħlu xgħira jkun se jiret. Jien naf diversi nies li telgħetilhom xgħira u ma wirtu xejn. Jista' jiġri wkoll li x-xgħira tista' tinżel, imma ma tkunx fieqet għal kollox u għalhekk terġa' titla'. Għalhekk li wieħed titlagħlu xgħira hija l-eħfef ħaġa, imma li tiret hija ħaġa oħra.

Dwar ix-xgħira nsibu wkoll ir-rimedju folkloristiku biex wieħed ifejjaqha. Dak li jkun irid isib seba' xgħiriet u mbagħad idur daru lejn il-bir u jitfa' dawn is-seba' xgħiriet minn fuq spallejh għal ġol-bir. U x-xgħiriet iridu jiġu fil-bir kollha, għax inkella x-xgħira ma tfiqx.

**Il-Fawra**
Is-superstizzjoni dwar il-fawra hija waħda purament għawdxija. Qabel xejn x'inhi fawra? Jingħad li l-fawra tiġi mill-bniedem meta jkun imdagħdagħ f'demmu, imiss kif ikun imdagħdagħ x'imkien minn ġismu u jitla'. Issa din il-fawra tingħaraf għax iġġedded kull qamar, jiġifieri tfiq u terġa' titla'.

Issa kif kienu jfejquha l-fawra? Mela, qabel taqbad it-Triq tax-Xlendi, biswit Għajn il-Kbira, dari kien hemm bir imsejjaħ "il-Bir tal-Fawra", aktarx għax kien ifur bl-ilma ġieri. Issa l-Għawdxin kienu jmorru jġibu l-ilma minnu biex ifiqu minn xi fawra. Dan l-ilma jgħalluh għal seba' darbiet, imbagħad jaħslu bih, u hekk il-fawra tfiq.

**Ilsien San Pawl**
Dari, meta l-blat kien jinqata' bil-baqqun, kienu jsibu ħafna fossili msejħin "Ilsien San Pawl" għax jingħad li meta San Pawl beda jippriedka f'Malta leħnu tant kien qawwi li mhux biss instema' minn Għawdex, imma bħala tifkira ħalla lsienu stampat fil-blat. Issa llum nafu li "Ilsien San Pawl" m'hu xejn ħlief sinna ta' kelb il-baħar preistoriku.

Issa dan "Ilsien San Pawl" mhux biss kien jintlibes bħala amulet biex iħares lil dak li jkun mill-gdim tas-sriep velenużi, imma kienu jfarrkuh u jitħnuh fil-meħrież biex it-trab tiegħu jinqdew bih ħalli jfejqu l-ponot u l-grieħi.

**L-Uġigħ ta' Ras u d-Deni**
Jingħad li dawn jistgħu jfiqu jekk wieħed jaħsel saqajh u riġlejh fil-misħun fietel imħallat bil-melħ. Iżda dan il-melħ - u hawn qiegħda s-superstizzjoni - irid jintefa' minn mara miżżewġa u mhux minn xebba għax inkella ma jkollu ebda effett.

**Il-Għatis**
Min jaf kemm għatasna matul ħajjitna! Meta nkunu żgħar sa tnejn kull darba biżżejjed, iżda aktar ma nikbru, aktar jikbru wkoll fil-għadd il-għatisiet li nagħmlu kull darba. Illum meta jagħtas xi ħadd ngħidu: Evviva! jiġifieri jalla tgħix, għax jingħad li kien hemm żmien meta min jagħtas kien imut. Hawn Għawdex meta jagħtsu t-tfal ma ngħidulhomx evviva, imma nsejħu l-anġli u l-qaddisin. Mela, wara l-ewwel għatisa ngħidu, "Anġli!" u mat-tieni waħda, "Qaddisin!". Illum din id-drawwa qiegħda tinqata'.

**Suffejra**
Is-suffejra jgħidu li titfejjaq bid-demm tal-fekruna. Id-demm irid jittieħed mis-sieq, u jekk il-pazjenta tkun mara, allura trid tieħu d-demm minn sieq ta' fekrun, u jekk ikun raġel minn sieq ta' fekruna. Imbagħad jagħmlu salib bid-demm tal-fekruna fuq il-minkeb, l-irkobba u għekiesi oħra tar-riġlejn u d-dirgħajn.

B'dana kollu, hawn irrid ngħid li l-użu taż-żejt taż-żagħruna biex ifejqu l-ponot u xi diehes m'huwiex superstizzjoni għax dan iż-żejt għandu proprjeta` li tfejjaq tassew. Iż-żejt taż-żagħruna jittieħed billi jdendlu l-fwied ta' din il-ħuta fix-xemx u jħallu ż-żejt joqtor f'xi reċipjent .

**Murliti**
Il-murliti juġgħu u jistgħu jnixxu d-demm. Biex dan ma jiġrix dari kienu jżommu tina mqadda fil-but u din tkun biżżejjed biex wieħed ma jbatix b'dan l-inkonvenjent!

**Deni**
Biex iniżżlu d-deni dari kienu jaqsmu fenek ħaj u jqiegħdu l-ġewwieni sħun fuq l-istonku ta' min ikollu d-deni biex jinżel malajr, bħalma l-fenek hu ħafif biex jiġri.

**Għonq juġa'**
Xi drabi wieħed jista' jkollu wġigħ qawwi f'għonqu hekk li jitlagħlu għal rasu u minħabba f'dan iġarrab tbatija kbira. Ir-rimedju hu li jimla kalzetta jew peduna bil-melħ ta' Għawdex, tal-baħar, u jdawwarha ma' għonqu. Dari kienu jemmnu li wara ftit l-uġigħ imur u jgħaddi għal ġol-melħ.

**Rewmatiżmu**
Ir-rewmatiżmu jiġi kkawżat minn infjammazzjoni u nefħa tal-muskoli ħdejn il-ġogi tal-ġisem, l-aktar tas-swaba' ta' l-idejn. M'hux mard sabiħ għax jekk jippersisti jista' jdgħajjef il-muskoli tal-qalb u dak li jkun imut żgħir. Ir-rimedju ta' min hu superstizzjuż hu li jżomm ħuta mqadda fil-but!

**Il-Gawgaw**
Superstizzjoni antika kienet dik tal-Gawgaw. Min jitwieled f'nofs il-lejl tal-Milied, kull Milied jinbidel f'Gawgaw. Jingħad li l-Bambin ma jiħux pjaċir min jitwieled fl-istess ħin li twieled hu. Għalhekk dak li jkun joħroġ jiġġerra bil-lejl ikaxkar xatba warajh jew jinbidel fi spirtu u joħroġ jiġġerra u jagħmel ħsejjes tal-biża'. Leġġenda Għawdxija tgħid li l-Gawgaw jieħu s-sur ta' serp u joħroġ jiġri fit-toroq.

Biex wieħed ma jsirx Gawgaw ikollu joqgħod igħodd it-toqob ta' għarbiel minn nofs il-lejl sal-*Pater Noster* ta' nhar il-Milied.

Fost il-ħlejjaq l-oħra tal-biża' nsibu wkoll il-Babaw, il-Qawqam, Waħx il-Baqar u l-Ors tal-Kandlora.

**Ħxejjex Mediċinali**
Ċerti ħxejjex mediċinali jistgħu jkunu tajbin biex ifejqu l-mard. Imma ħafna drabi l-użu tagħhom kien aktar wieħed mibni fuq it-twemmin fieragħ milli fuq il-fatti. Insibu wkoll dik li tissejjaħ id-Duttrina tax-Xebħ, jiġifieri xtieli ta' lewn aħmar jużawhom għal mard fid-demm, eżempju Għerq il-Ġeneral ta' fuq il-Ħaġra tal-Ġeneral tad-Dwejra. Il-ħaxixa tal-felul, għax għandha l-meraq isfar kienu jużawha għas-suffejra, l-ixpakkapietra għax taqsam il-blat jużawha għall-ħaġra fil-kliewi. L-ixpakkapieta ta' Għawdex hija mfittxa ħafna, anki mill-maltin, iżda hemm bżonn nibżgħu għaliha!

Bosta ħxejjex bħall-plejju, tulliera u fejġel, billi għandhom riħa qawwija, kienu jużawhom biex ikeċċu l-insetti bihom u kienu għalhekk iqegħduhom fil-kxaxen mal-ħwjjeġ minħabba l-kamla. Din hi r-raġuni għala l-ħwejjeġ milbusa għal San Girgor kien ikun fihom dik ir-riħa hekk tfuħ u qawwija.

Żerrigħet il-Brieghed hija żerriegħa li tixbah il-briegħed allura kienu jużawha biex igerrxu. (Nota: Min irid jaqra iżjed dwar dan is-suġġett għandu jara l-ktieb ta' Guido Lanfranco "*Duwa u Semm fil-Ħxejjex Maltin*").

Hemm iżjed superstizzjonijiet u twemmin fieragħ, imma naħseb li dan it-tagħrif fil-qosor kien biżżejjed biex wieħed jitgħallem jifhem u japprezza t-tradizzjonijiet tal-qedem tal-poplu tagħna.

(Nota: Ara wkoll: *Holiday Customs in Malta*, eċċ. tal-Kaptan E. D. Busuttil).

MAO XI
Chinese Restaurant
& Take Away
39, Capuchins Street, Victoria, Gozo.

IL TERRAZZO
Bar & Restaurant
• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •
Host: Joseph Mercieca
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

ICI Dulux

EVERYTHING YOU COULD IMAGINE

In store colouring mixing

Over 8000 Colours for Interior & Exterior walls, wood & metal

J & C Sultana (ta' Gamri)
Imrejzbiet Street
Ghajnsielem
Tel: 551578 / 09422341

SUPERSPECS opticians

Joseph P. Grech
F.B.D.O. (Lond.)
Dispensing Optician

28 Main Gate Street
Victoria Gozo VCT 103
Malta.

Tel./Fax 00356 550099
Mobile 0982 2770
Email superspecs@vol.net.mt

Martin Glass Works
Martin Galea
49 Guze Ellul Mercer Street
Nadur NDR 104
Gozo



LEADLIGHT / STAINED GLASS

Tel.: 563508 martgale@orbit.net.mt



Paul Zammit
Plumber & Electrician

Licence N°: 4128A
'Maple Leaf'
N.B. Viani Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 553058
Mob: 79591736



Red Rose
BAR & RESTAURANT

Good Food • Genuine Drinks

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo.
Tel: 557744

FUQ L-INTERNET

RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
http://www.rtk.org.mt

IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi




# IL-MUŻEW TAL-FOLKLOR

## (Ir-Raba' Parti)

## Is-sular ta' fuq

### Il-kċina

Biex wieħed jitla' fuq irid jerġa' jitla' t-taraġ u joħroġ fit-tieni setaħ fejn insibu l-kċina li titla' għaliha b'erba' tarġiet. Din kienet il-kċina oriġinali fejn wieħed għadu jsib il-fuklar biċ-ċumnija fuqu. F'din il-kmajra hemm għall-wiri kniener oħra maħdumin mil-ġebla lokali, dik tal-franka, pagni u kzazel tal-fuħħar flimkien ma' sett ta' platti w oġġetti oħra marbuta ma' l-użu fil-kċina. Ta' min jinnota n-nugrufun li għadu mwaħħal mas-saqaf tal-kċina kif ukoll il-kileb li fuqhom iserrħu x-xorok.

### Kaċċa

Il-kmamar li jmiss huma ħafna aktar spazjużi, filfatt dawn kienu użati mis-sid u l-familja tiegħu u hekk hu li fl-ewwel waħda nsibu oġġetti marbuta mal-kaċċa. Kif wieħed jidħol fuq ix-xellug mal-ħajt jara l-ittri '*RTO*' li jfissru bl-ingliż '*reserved to owner*' jew kif nafuha l-aktar fl-interpretazzjoni taljana '*riservato*' li spiss wieħed jiltaqa' magħhom fil-kampanja fi żmien il-kaċċa. Dan is-sinjal iwissi lil dak li jkun biex ma jazzardax jirfes 'il ġewwa minnu għax jispiċċa fil-għali. Hemm għall-wiri wkoll kollezzjoni ta' xkubetti, li wħud minnhom kienu jimtlew minn quddiem u kienu jiġu sparati permezz taż-żnied, li jmorru lura sa l-1750 u kollezzjoni ta' snieter ta' żmienna flimkien ma' ħorġ li fih iżommu t-tajr maqtula kif ukoll ċinturin mimli bl-iskrataċ . Insibu wkoll sett ta' sfafar li jintużaw biex isejħu l-għasafar kif ukoll oġġetti oħra konnessi mal-kaċċa.

### *Ex-votos*

Min hawn wieħed jibqa' dieħel fi kmamar iżgħar u fihom isib kollezzjoni ta' *ex-votos* tal-fidda. Dawn kienu jiġu mogħtija lill-knisja bħala tifkira ta' xi grazzja li tkun inqalgħet permezz ta' l-interċessjoni ta' xi qaddis jew qaddisa li fiha jkunu jiġu meqjuma. F'żewġ vetrini oħra hemm għall-wiri altar żgħir armat kif għandu jkun għall-festa kif ukoll statwi żgħar ta' qaddisin li fihom it-tfal kienu jsibu l-għaxqa tagħhom fil-logħob bil-knejjes. Dari ma kellniex il-kompjuters jew il-logħob li ssib illum. Missierna kien bil-paċenzja kollha jibnielna altar ta' l-injam u jiżbogħhulna bħall-irħam u aħna konna nfaddlu s-sittiet u s-soldi biex meta nkunu ġemmajna biżżejjed immorru nixtru xi gandlier taċ-ċomb, jew wieħed mill-appostli, jew fjurett, biex inżejnu l-altar. Kien hawn, bħalma fuq kollox għad hawn illum, min jarma knisja sħiħa, u erħielna nimpikaw ma' xulxin ta' min kienet l-isbaħ.

### Il-kamra tal-ħlas

Fil-kamra ta' ġewwa nett insibu sett maskli tal-bronż li kienu jintużaw biex jisparawhom fi żmien il-festi. Kienu jitfgħu fihom miżura ta' porvli li jkun imwaħħal ma' biċċa niċċa, fuq il-porvli kienu jippressaw iċ-ċana li kienu jakkwistaw mingħand xi mastrudaxxa, imbagħad, kienu jisparawhom wara xulxin minn fuq xi sur jew bejt. Kull ma kont tisma' kien il-ħoss. Imma l-użu oriġinali ta' dawn il-maskli kien ta' skrataċ għall-kanuni biex flok ma joqogħdu jimlewhom minn quddiem kien ikun hemm fetħa fuq in-naħa ta' wara tal-kanun li fiha jillokkja l-iskartoċċ u hekk jitħaffef il-proċess ta' l-ikkargar tal-kanun. Insibu wkoll diversi tazzi kuluriti li kienu jiddendlu mal-faċċati tal-knejjes fi żmien il-festi

biex dawn jiddawlu. Immaġinaw iż-żmien li kien jittieħed biex jiddendlu, jimtlew biż-żejt u jinxteghlu. Min jaf kemm-il darba x'ħin dak li kien jieħu ħsieb jasal biex jixgħel l-aħħar tazza kien jinħtieġlu jerġa' jibda mill-bidu! F'vetrina żgħira hemm, fost affarijiet oħra, għażżiela li għadha sal-lum tiddendel wara l-bieb ta' barra biex tħares lil dik id-dar mis-sajjetti u mill-ħsara li jġib miegħu l-maltemp. Din l-għażżiela tkun magħmula mill-għaġina u tkun forma ta' *Nome di Maria*. Din l-istess kamra kienet tintuża biex fiha n-nisa kienu jwelldu t-tfal. Filfatt fiha anki l-armarju fejn kienu jaħbu l-lożor u l-biċċiet li kienu jintużaw waqt il-ħlas.

Mill-kamra ta' qabel b'erba' tarġiet wieħed jitla' f'kamra oħra żgħira li hija arjuża ħafna u fiha nsibu pjaneti tas-saċerdoti, żewġt iħwat ta' l-ilma mbierek kif ukoll skultura medjevali ta' San Pietru u San Pawl.

## Figurini

Il-kamra li jmiss fiha xogħol bit-tafal u hawn wieħed jammira l-istatwetti delikati li jirrappreżentaw karattri maltin u għawdxin li ta' spiss wieħed kien jiltaqa' magħhom lejn l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin u anki lejn il-bidu tat-tieni nofs. Ta' min jistudjahom u jiflihom sewwa u dawk li llum qabżu nofs is-seklu malajr jibdew jiftakru f'Ċikku u f'Peppi u f'Kalanġ u x'kien imlaqqam u x'kien jagħmel u xi stramberiji jew ħlewwa kellu. Imbagħad hemm dak il-grupp ħelu tal-bejjiegħ tal-ħalib bil-mogħża u tfajla ruxxana mimlija mħabba tipprova tiġbed l-attenzjoni tal-ġuvni li qed ibegħlha l-ħalib, billi turih li ma kienx imlielha l-bieqja kemm suppost għall-flus li kienet tatu. B'ċertu nostalġija niftakar meta wara nofsinhar, għall-ħabta tas-siegħa u nofs, kien jasal Ġanni bil-merħla tal-mogħoż u b'dik l-għajta tiegħu li ma tweġġagħx il-widnejn kien jgħajjat '*Ħalib.. hawn tal-ħalib*' u bosta kienu dawk in-nisa speċjalment, li kienu joħorġu jistennewh biex jixtru tazza jew tnejn ħalib. Mhux l-ewwel darba li kienu jtuh lil uliedhom biex jixorbuh hekk bir-ragħwa sħun sħun,





minn sider il-mogħża. L-artist li sawwar dawn l-istatwetti tant dettaljati m'huwiex magħruf. F'vetrina oħra naraw ix-xogħol ta' l-aħħar fuħħari li kien hawn fir-Rabat, Carmelo Sacco, li kien joqgħod wara San Franġisk.

## Sajd

Minn hawn wieħed jibqa' dieħel fil-kamra mimlija daqs bajda bl-għodda tas-sajjieda. Mas-saqaf hemm imdendla nases ta' kull daqs u forma li fihom kienu jinqabdu vopi, arznell, ċawl u ħafna kwalitajiet oħra ta' ħut. Insibu konzijiet u xbieki u qasab tas-sajd. Kienet tkun l-għaxqa tiegħi, filgħodu kmieni ma' sbieħ il-jum, nerħilha lejn il-menqa ta' Marsalforn u hemm mixħutin fl-art kont tara diversi sajjieda bieżla jsewwu x-xbieki jew in-nases. Għadni nxomm ir-riħa tal-baħar li kienet toħroġ mix-xbieki u n-nases. F'armarju fil-ħajt insibu qawwara li kienet titpoġġa fuq ir-ras biex jitqiegħed fuqha l-kannestru tal-ħut meta s-sajjied kien idur ibigħ il-qabda tiegħu. Hemm ukoll numru tal-liċenzja tal-bejjiegħ li kien obbligat li jorbot ma' idu flimkien ma' tipi ta' wżin.

## Faldrappa

Tliet tarġiet iwasslu għall-kamra li jmiss li fiha nsibu tliet kwadri mdenlin mal-ħitan li jirrappreżentaw wieħed sinjur Malti, l-ieħor sinjura Maltija u ieħor l-anġlu kustodju. Hemm għall-wiri ukoll bankun u żewġ kassetti u vetrina kbira li fiha faldrappa ta' fuq id-dahar ta' żiemel kif ukoll il-ġakketta ta' kavallier. Id-drapp ta' dawn huwa bellus u ddekorat bl-antaċċoli.

## Il-kamra tal-ħasil

Minn hawn wieħed jidħol fil-kamra li jmiss u fiha hemm vetrina li qed turi għonnella, libsa ta' ċerta kwalita' kif ukoll l-ilbies ta' Ċikku l-Poplu. Mhux magħruf meta l-għonnella daħlet f'Malta, imma li nafu hu li damet tintuża għal mijiet ta' snin. Insibuha msemmija f'bandi tal-Gran Mastri ta' Malta kif ukoll f'kitbiet li ħallew vjaġġaturi li żaru l-Gżejjer tagħna fl-imgħoddi. Fil-bidu tas-seklu għoxrin ma kontx tara mara li ma kellhiex l-għonnella tagħha. Hekk kif tifla ssir xebba kienet tingħata għonnella u kienet tibqa' tilbisha tul ħajjitha kollha. Minħabba l-fatt li l-għonnella kienet tintlibes min-nisa kollha Maltin kien hawn ħafna ħajjata li kellhom xogħol tajjeb billi kienu jfasslu u jħitu l-għonienel.

Fiż-żmien li kienet tintuża din id-dar din il-kamra kienet tintuża bħala l-kamra tal-ħasil. Fil-fatt fiha nsibu toqba li fiha kien jintrema l-ilma maħmuġ ta' wara l-ħasla kif ukoll fetħa fil-ħajt dobblu li din tinfed għas-sular t'isfel fejn hemm bir li minnu kienu jtellgħu l-ilma għall-ħasil kemm tal-ħwejjeġ u kemm għall-użu personali tagħhom.

**Dgħajsa tal-pass**



Minn hawn wieħed joħroġ f'setaħ ieħor u jinżel taraġ li jwassal fi kmajra f'nofs it-taraġ. Mal-ħajt hemm vetrina li fiha xi qwieleb għall-ġobon, oġġetti tal-ħġieġ u kaxxetti ċkejknin li fihom kienu jpoġġu n-niskata u ħwejjeġ oħra. Minbarra l-inħasi li hemm għall-wiri f'din il-kamra nsibu mudell tajjeb ħafna ta' dgħajsa t'Għawdex jew id-dgħajsa tal-latini, għax kienu jużaw il-qlugħ biex isalpaw. Dawn id-dgħajjes kienu jpassu bejn il-Port tal-Imġarr u l-Port il-Kbir fejn kienu jieħdu jew iġibu l-merkanzija.

## L-aħħar sular

Hawnhekk wasalna fl-aħħar parti ta' dan il-mużew tal-folklor u fil-parti t'isfel insibu għall-wiri kollezzjoni ta' mfietaħ u serraturi li wieħed kien isib ma' bibien ta' djar antiki. Illum għadek issib xi bieb ta' xi remissa mwarrba li għadu jinqafel b'dan il-mod. Hemm ukoll tipi diversi ta' ħdejjed tal-mogħdija. Dawn kienu jissaħnu fuq xi kuċiniera ta' tlett iftejjel u min jgħaddi l-ħwejjeġ kien ikollu waħda f'idu biex jużaha u oħra tisħon fuq in-nar. Kienu joqogħdu attenti li jimsħuha tajjeb fuq biċċa ċaruta ħażina qabel ma jibdew jużawha li ma tmurx tgermdilhom il-ħwejjeġ, l-aktar dawk bojod. Waħda mill-ħdejjed kienet tisħon billi kienu jpoġġu l-ġamar tal-faħam fiha.

F'din il-parti naraw ukoll magna ta' l-injam li kienet tintuża biex tifred il-basal jew patata ta' kobor differenti. Din fiha ħafna toqob ta' daqs differenti u meta l-prodott jintefa' fiha, il-mekkaniżmu tal-magna jressqu lejn dawn it-toqob u dawk li jgħaddu jiġu miġbura separatament skond il-kobor tagħhom fi qfief.

**Il-kantina ta' l-inbid**

L-aħħar kamra ta' dan il-mużew hija ddedikata għall-għasir tal-inbid. Fiha nsibu l-btieti, striġitur u mastalla. Il-mastalla kienet tintuża biex fiha jitfgħu l-għeneb, imbagħad xi żagħżugħ kien ixammar il-qliezi tal-qalziet, jaħsel saqajh u jintefa jisħaq l-għeneb fiha. Wara li kienu jiġbdu s-sugu ta' l-għeneb kienu jistriġu l-fosdoq li jibqa' bl-istriġitur. Imbagħad jferrgħuh ġol-btieti biex jiffermenta u joħloq dik il-qatra nbid, l-għaxqa ta' kull min għandu għal qalbu s-sabiħ tal-ħajja. Ovvjament hemm ħafna aktar xogħol marbut mas-sengħa ta' l-għasir ta' l-għeneb, imma dak inħallih għall-esperti. Jien nixrob xi belgħa tajba li tkemmex ix-xofftejn biss naf!

Hekk ġejna fi tmiem il-mawra tagħna f'dan il-Mużew tal-Folklor.

NANCY'S SALON

UNISEX HAIRDRESSER & BEAUTICIAN

63, Main Gate Street, Victoria.
Tel.: 556586 - 555106

*"Marilyn" - Overseas Training Experience in Australia, London, Milan.*



*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji irrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 553352 / 562211 - Mob. 099 5001 - Fax 562211




**ISSA TISTA' THAWWAR IL-BORMA BĦAL DARI !**

**ISSIB, HWAWAR, HXEJJEX AROMATIĊI, FROTT IMQADDED GĦALL-ĦELU U PRODOTTI OĦRAJN GĦAL-IKEL**

14-15 KERĊEM RD. VICTORJA, VLP 104 GOZO. TEL: 562160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## X'inhi Dieta Tajba?

Ma hemm l-ebda segriet dwar x'ikel għandna nieklu. Kul varjeta` ta' ikel li jinkludi frott, ħaxix, ċereali, prodotti mingħajr xaħam jew bi ftit xaħam, laħam abjad u ħut. Naqqas kemm tista' z-zokkor, il-melħ, l-alkoħol u l-qali. Iva, f'dawn l-erba' kelmiet huwa miġbur is-sigriet ta' x'inhi dieta tajba. Issa l-importanti huwa li nsibu l-bilanċ ta' kemm għandna nieklu. Permezz ta' gwida tajba minn min jifhem nistgħu nieklu tajjeb u għal qalbna mingħajr ma nitilfu l-benna u t-togħma tajba ta' l-ikel u fl-istess ħin ma nkunux nagħmlu ħsara lil saħħitna. Barra d-dieta, l-eżerċizzju regulari u n-nuqqas ta' tipjip huma importanti għas-saħħa.

### Dieti Speċjali

Wieħed irid isemmi li hemm diversi dieti speċjali. Meta nkunu nitkellmu fuq ċertu mard irridu nsegwu dieti speċjali. Hemm anke dieta apposta biex nonqsu mill-piż bil-mod jew fi żmien qasir minħabba li jkollna bżonn xi operazzjoni. Wieħed irid isemmi ukoll li hemm ċerti nies li huma veġetarjani. Dawn jippreferu li ma jieklux laħam la direttament u lanqas indirettament billi jieklu prodotti li ġejjin mill-annimali. Iktar ma tillimita d-dieta iktar trid toqgħod attent x'tiekol. Meta tkun fuq dieta veġetarjana ma jfissirx li tiekol ħaxix u ħobż biss anzi trid tibbilanċja d-dieta aktar billi tieħu aktar ikel bħal *yougart*, bajd, ċereali, frott, ġobon, ħalib, prodotti magħmulin mis-*soya*, fażola, ġewż u ġellewż. Dan biex inkunu nieħdu l-kalċju kollu li għandna bżonn speċjalment jekk minn ikun fuq dieta veġetarjana jkun għadu żgħir u għalhekk ikollu bżonn ħafna kalċju għas-saħħa ta' l-għadam kif ukoll ħadid, żingu, proteini u l-Vitamina B12.

Meta mbagħad nitkellmu minn ċertu mard irridu nsegwu ċerti dieti speċjali wkoll. Insemmu hawn il-pressjoni għolja, id-diabete, mard tal-kliewi, mard tal-qalb, kif ukoll kolesterol għoli fid-demm u mard ieħor bħal ġebel fil-marrara jew il-gotta. Min ibati mill-pressjoni għolja jrid jevita l-imluħa u dawk il-prodotti kollha li huma melħin jew li hemm miżjud magħhom il-melħ, bħalma hu l-ħobż normali li fih ħafna melħ. Kulħadd jaf li għal min ibati bid-diabete, l-iktar ħaġa importanti hija d-dieta għall-kontroll ta' din il-marda. Hawn ta' min jgħid kelma fuq it-tewm. It-tewm huwa tajjeb għal żewġ affarijiet. L-ewwel inaqqas il-pressjoni u t-tieni jtejjeb iċ-ċirkulazzjoni billi jraqqaq d-demm. Għalhekk ras tewm (madwar 800 gramma) hija tajba għas-saħħa.

### L-Anzjani

Sezzjoni oħra ta' nies li għandhom bżonn dieta tajba huma l-anzjani. Kemm minħabba li jkollhom problemi ta' saħħa u kemm minħabba li jkunu jgħixu weħidhom, dawn ma tantx ikunu jistgħu jsajru. Barra minhekk ħafna drabi jkunu tilfu s-snien jew l-aptit jonqoshom peress li jkunu jieħdu ħafna pilloli. Minħabba dawn ir-raġunijiet kollha l-anzjani mhux dejjem ikollhom dieta tajba. Illum hawn l-għajnuna ta' *helpers* li fost affarijiet oħra jistgħu jgħinu lill-anzjani billi jmorru jixtrulhom u anke jgħinuhom isajru u jieklu. Illum ukoll hemm is-servizz ta' *meals on wheels* fejn l-anzjani jitteħdilhom f'darhom stess platt sħun. B'xorti ħażina dan is-servizz ma tantx huwa mfittex hawn Għawdex u jekk l-informazzjoni li għandi hija tajba hemm ħdax-il persuna biss li jagħmlu użu min dan is-servizz. Din hija veru ħasra u servizz bħal dan li naf li huwa tajjeb ħafna għandu jkun rikonoxxut iktar mill-Għawdxin. Nahseb ftit iktar propaganda, anke minna t-tobba stess li niġu f'kuntatt ta' kuljum ma' l-anzjani, tista' tgħin biex dan is-servizz jinxtered iktar f'Għawdex.

### Il-Piż Żejjed

Permezz ta' dieta tajba aħna nikkontrollaw il-piż tagħna. Piż żejjed jew ħxuna huma żewġ termini wżati biex nesprimu l-gravita` tal-kundizzjoni meta wieħed jirreferi għall-ħxuna. Dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma riżultat ta' meta l-enerġija li tieħu tisboq dik li taħli. Dan ifisser li tkun qed tiekol aktar milli tkun qed taħraq b'xi attivita`. Li jkollok il-piż żejjed mhijiex marda fiha nfisha, imma dan jista' jwassal għal attakk tal-qalb, pressjoni għolja tad-demm, puplesija, diabete u mard serju ieħor. Dawk il-kili żejda jistgħu jġegħluk tħossok aktar għajjien, mingħajr enerġija u inqas f'saħħtek u attraenti. Kważi tlieta minn kull erba' adulti maltin għandhom piż żejjed.



Biex tnaqqas ix-xaħam fid-demm trid tuża marġerina minflok xaħam jew butir. Uża ħalib xkumat li fih 0.6g xaħam f'kull pinta, minflok ħalib tal-bott li jista' jkun fih 20g xaħam f'kull pinta. Uża rikotta minnflok ġobon li fih ħafna xaħam. Neħħi x-xaħam mil-laħam qabel issajjar. Kul frott u ħaxix minflok ċikkulata u gallettini. Meta ssajjar qatt taqli, imma ixwi, sajjar fuq il-fwar, jew b'metodi oħra li ma tużax xaħam. Kul anqas kwantitajiet ta' laħam u żid fil-ħaxix.

Il-ħalib huwa mportanti għaliex fih il-kalċju li huwa essenzjali għall-għadam u biex tinbena l-Vitamina B. Biex tkun ċert li l-ħalib ma jkunx jgħollilek il-kolesterol uża ħalib xkumat. Il-ġobon ukoll jista' jkun fih xi ftit xaħam. Għalhekk irridu niekluh bil-moderazzjoni. L-aħjar ġobon huwa dak tal-qoxra ħamra għalkemm illum issib tipi oħra ta' ġobon tad-dieta.

L-aħjar laħam huwa l-laħam abjad, li hu ħut, fniek u tiġieġ. Dan ma jfissirx li l-laħam taċ-ċanga u tal-majjal ma jistax jittiekel, anzi jista' jittiekel imma f'ammonti inqas minn dak tal-laħam abjad u basta jiġi mneħħi mix-xaħam minn qabel ma jkun imsajjar. Importanti li wieħed ikun jaf li l-fwied, il-qalb, l-ilsien, il-moħħ u l-frott tal-baħar fihom kolesterol għoli u huma ġeneralment evitati biex jitnaqqas il-kolesterol. Huwa magħruf li l-ħut fih tip ta' xaħam li jgħin biex jonqos il-kolesterol u jgħin ukoll biex id-demm ma tantx jagħqad, bħalma jiġri fi trombożi. L-aħjar għas-saħħa huma t-tonn, is-salmun, il-bakkaljaw, il-kavalli u s-sardin. Importanti ħafna li l-ħut jiddaħħal fid-dieta ta' kull persuna. Wieħed jista' jiekol ħut sa tliet darbiet fil-ġimgħa.

Il-*fibre* jgħin biex tnaqqas mill-ammont ta' ikel, għaliex jimla' l-istonku. Il-*fibre* ukoll jirregola z-zokkor u x-xaħam fid-demm. L-iktar li fihom *fibre* huma: ċereali, favetta, għazz, ħaxix u *oats*. Il-*fibre* li nsibu fl-*oats* huwa l-aħjar *fibre*.

Huwa importanti ħafna li nibdew il-ġurnata billi nieħdu kollezjon tajjeb. Wara raqda mistrieħa fejn il-ġisem ikun ilu nieqes mill-ikel għal xi tmien sigħat hija ħaġa naturali li l-ġisem ikollu bżonn l-ikel. Kollazjon tajjeb ifisser skutella ċereali, *fibre* fil-ħalib xkumat, frotta, tazza te` jew kafe` u tazza *orange juice* jew ilma. Ħafna *toast* u butir m'humiex tajbin għad-dieta.

**Id-Dieta Mediterranja**

Fl-aħħarnett irrid ngħid xi ħaġa dwar id-dieta mediterranja. Din id-dieta ġiet żvilluppata bosta snin ilu minn taħlita kulturali ta' prodotti u drawwiet minn pajjiżi ta' madwar il-Mediterran. Din id-dieta hija marbuta mill-qrib ma' nħawi fejn jitkabbar iż-żebbuġ. Id-dieta mediterranja hija meqjusa minn esperti bħala l-iktar waħda sustanzjuża fost diversi dieti internazzjonali. Id-dieta hija bbażata fuq ikel minn sorsi ta' pjanti, bħalma huma l-frott, il-ħaxix, il-legumi (piżelli, fażola, għatz), lewż u ċereali. Il-konsum ta' ikel ta' laħam huwa limitat. Fattur notevoli fid-dieta mediterranja huwa li tenfasizza l-użu taż-żejt taż-żebbuġa. Iż-żejt taż-żebbuġa huwa tip ta' xaħam li ġej biss miż-żebbuġ li jżid il-kolesterol 'it-tajjeb' fid-demm u jipproteġi s-sistema ċirkulatorja. Iż-żejt taż-żebbuġa jipprovdi l-ġisem bil-Vitamina E li tħares lill-ġisem mill-kanċer u l-mard tal-qalb. Huwa magħruf li d-dieta mediterranja tipproteġilna saħħitna. Sfortunatament f'dan is-seklu tbegħedna mill-konsum sostanzjuż ta' frott, ħaxix u ikel għani fil-*fibre* u ersaqna lejn dieta ta' iktar karboidrati u laħmijiet. Jekk taddottaw dieta mediterranja u jekk tkunu fiżikament attivi allura se tkunu ferm iktar b'saħħitkom! Jekk tiżnu tajjeb dak li semmejna wieħed ikun jista' jiġġudika huwa stess x'inhi dieta tajba.










jikteb Joe Bajada

# TONY CAUCHI
## l-Isportiv Għawdxi tas-Sena



Nhar il-Ġimgħa 1 ta' Ġunju, fil-Kumpless Sportiv fir-Rabat ta' Għawdex, inżammet it-13-il edizzjoni ta' l-Għażliet Sportivi Għawdxin 2000 organizzata għal darb'oħra mill-Bord Sportiv Għawdxi fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Għal dan il-Konkors kien hemm 22 nominazzjoni mifruxa fuq sitt kategoriji. Tony Cauchi (Tiġrijiet taż-Żwiemel) rebaħ il-premju għall-Isportiv tas-Sena Għawdxi meta spiċċa fl-ewwel post b'76 vot. Fit-tieni post spiċċa Charlie Calleja (Sparar fuq il-Plattini) b'66 vot u Charles Elvis Attard (*Baseball*) spiċċa t-tielet b'57 vot. Warajhom ġew Rueben Mercieca (*Football*) b'52 vot, George Lewis Zammit (*Waterpolo*) u Raymond Agius (Atletika) b'50 vot kull wieħed.

Bħala l-Isportiva tas-Sena ntagħżlet Sylvia Portelli (*Basketball*) b'77 vot biex kisbet it-tielet suċċess tagħha f'din il-Kategorija. Fit-tieni post spiċċat Alison Mifsud (*Softball*) b'67 vot.

Il-Kategorija ta' l-Uffiċjal tas-Sena ntrebħet minn Charlie Gauci (*Basketball*) li spiċċa l-ewwel b'70 vot. Huwa kiseb vantaġġ ta' tliet voti fuq Marvic Bajada (Atletika). Paul Cilia (*Football*) spiċċa t-tielet b'65 vot. Imbagħad ġew ikklassifikati warajhom Anthony Camilleri (Tiġrijiet taż-Żwiemel) b'52 vot u Dr. Patrick Sciberras (*Waterpolo*) b'52 vot.

Gozo Tornadoes tal-*Baseball* rebħu l-Premju tat-Tim tas-Sena meta spiċċaw l-ewwel b'76 vot. Warajhom ġew Victoria Hotspurs F.C. u Gozo Oasi (*Basketball*) b'70 vot kull wieħed.

Kurt Xerri (Atletika) rebaħ il-Kategorija taż-Żagħżugħ Promettenti meta spiċċa l-ewwel b'78 vot. Warajh ġew Omar Cauchi (Tiġrijiet taż-Żwiemel) b'69 vot, Kenneth Mercieca (*Football*) b'63 vot u Jesmond Scerri (*Waterpolo*) b'60 vot.

Jessica Sultana (Atletika) spiċċat bħala ż-Żagħżugħa Promettenti b'77 vot u Kylie Anne Vella (*Basketball*) ġiet it-tieni b'67 vot.

Minn dan joħroġ li l-Atletika u l-*Basketball* rebħu żewġ kategoriji kull wieħed, fil-waqt li t-Tiġrijiet taż-Żwiemel u l-*Baseball* irreġistraw l-ewwel rebħiet tagħhom minn kemm ilu jiġi organizzat dan il-Konkors.

F'din l-Edizzjoni bil-motto "*L-Isport Jgħinek Timmatura*" ġew mogħtija Premijiet Speċjali lil Tony Cauchi bħala ċ-*Champion* ta' l-Ewropa ta' l-Apprentisti tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel, titlu li kiseb fir-Russja. Omar

Said bħala l-Plejer tas-Sena tal-*Malta Basketball Association* u Jeff Tabone bħala l-Plejer tas-Sena tal-*Malta Baseball/ Softball Association*. Ġie mogħti wkoll il-Premju Sportivi mill-Passat, unur li mar għand Alvin Scicluna għall-impenn u s-suċċessi miksuba f'diversi oqsma sportivi fosthom il-*Waterpolo, Basketball, Volleyball* u *Tennis*. Lejn tmiem is-serata l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono assistita minn Joe Bajada u uffiċjali oħra tal-Bord Sportiv Għawdxi qassmu t-trofej u ċ-ċertifikati lir-rebbieħa u l-kontestanti l-oħra kollha.

Is-serata bdiet b'messaġġ miċ-*Chairman* tal-Bord Sportiv Għawdxi Joe Bajada fejn beda biex semma l-iskop għal fejn isir dan il-Konkors ta' l-Isportivi Għawdxin. Imbagħad għamel xi osservazzjonijiet importanti għall-ġid ta' l-isport Għawdxi. Huwa appella lill-għaqdiet biex jiffunzjonaw aħjar u li jagħmlu l-ikbar użu possibli mill-faċilitajiet sportivi li jeżistu f'Għawdex. Joe Bajada appella biex tkompli tinbena l-mentalità ġusta favur l-isport u dan anki bis-sehem tal-ġenituri li għandhom ikunu huma l-ewwel li jippromwovu din l-idea. Huwa fakkar ukoll fir-responsabilitajiet li għandhom fuqhom id-diriġenti u l-uffiċjali ta' l-Assoċjazzjonijiet li jridu jkunu huma li jagħtu l-eżempju lill-atleti tagħhom. Is-Sur Bajada saħaq fuq l-ipprogrammar serju u appella lil kulħadd biex jaħdem b'forza u direzzjoni waħda, Gvern, Kunsilli Lokali, Diriġenti, Ġenituri, Għalliema u dawk kollha nvoluti biex tissaħħaħ il-kultura parteċipattiva fl-isport.

Huwa semma l-importanza li jingħataw Premijiet Speċjali f'kull edizzjoni. Dan kollu jirrifletti li b'dedikazzjoni qawwija anke l-isportivi Għawdxin jistgħu jaslu għas-suċċessi.

Lejn tmiem il-messaġġ tiegħu, Joe Bajada appella biex il-Bord Sportiv Għawdxi jiġi ffinanzjat b'mod sostanzjali bħal fil-każ ta' entitajiet sportivi oħra nazzjonali. B'dan l-iffinanzjar il-Bord ikollu l-għodda meħtieġa biex jaħdem u b'hekk inissel iktar fiduċja fost l-Għaqdiet Sportivi Għawdxin.

Finalment huwa rringrazzja lil dawk kollha tas-sehem, għajnuna u appoġġ tagħhom biex dan il-Konkors reġa' ġie organizzat b'mod daqstant tajjeb li jonora b'mod xieraq lill-isportivi kollha Għawdxin.

Fil-messaġġ tagħha l-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono semmiet kemm hu xieraq li jkun hemm dan it-tip ta' organizzazzjoni fejn jiġu ppremjati l-isportivi Għawdxin. Dan hu xieraq ukoll għax illum ma nistgħux nibqgħu magħluqa ġewwa djarna u ma nvarjawx il-ħajja tagħna permezz ta' l-isport. Il-Ministru semmiet li l-isport mhux biss huwa passatemp, iżda huwa wkoll dixxiplina, formazzjoni u edukazzjoni. L-isport fuq kollox jagħti sodisfazzjon bħalma hu l-każ f'dan il-Konkors. Iżda s-sodisfazzjon ma jieħduhx biss dawk li jirbħu, iżda jieħdu kull min jipparteċipa f'xi dixxiplina sportiva.

Hija semmiet l-impenn tal-Gvern li jsostni dawn l-impenji u l-attivitajiet sportivi. Il-Ministru Debono bi pjaċir semmiet li fost dawk parteċipanti f'dawn l-għażliet kien hemm ukoll *Champion* ta' l-Ewropa u dan għandu jimla b'kuraġġ u fiduċja għall-quddiem fejn minkejja l-limitazzjonijiet tagħna, b'sagrifiċċju u b'dedikazzjoni nistgħu naslu għas-suċċessi. Dan kollu għandu jawgura tajjeb għaż-żgħażagħ u t-tfal u kien għalhekk li reġgħet ġiet organizzata Skola Sport bil-parteċipazzjoni ta' iktar minn 300 tifel u tifla.

Il-Ministru Giovanna Debono temmet il-messaġġ tagħha billi rringrazzjat lil dawk kollha li jorganizzaw attivitajiet sportivi fosthom lill-Bord Sportiv Għawdxi għall-impenn volontarju għall-ġid u l-progress ta' l-isport fil-Gżira Għawdxija. Finalment hija ferħet mhux biss lir-rebbieħa, iżda lil dawk kollha li ġew nominati f'din it-13-il edizzjoni u lill-isportivi kollha tas-sehem u l-impenn tagħhom matul is-sena.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

- Il-kelma '*biscuit*' ġejja minn żewġ kelmiet Franċiżi '*bis*' u '*cuit*', li jfissru '*msajjra darbtejn*'. Għall-bidu l-gallettini kienu jissajjru darbtejn, b'pawża twila bejn l-ewwel tisjira u t-tieni.
- Jekk il-popolazzjoni kollha taċ-Ċina tifforma ringiela u tibda miexja minn quddiemek, il-linja ta' nies ma tispiċċa qatt. Dan minħabba r-rata għolja ta' twelid fiċ-Ċina!
- L-ewwel edizzjoni tal-Vanġeli miktuba bil-lingwa tal-Eskimos ġiet stampata f'Copenhagen fl-1744.
- Fi żmien ir-renju ta' Hitler, kienet ħaġa illegali li bniedem isemmi l-kelb tiegħu "*Adolf*"!
- L-alkoħol ma jsaħħanx il-ġisem tal-bniedem imma jniżżel it-temperatura tal-ġisem, b'mod li t-temperatura ta' barra l-ġisem tiġi għola minn dik tal-ġisem.
- Aktar minn 7,000 lampa tal-gass tpoġġew fil-Katidral ta' San Pawl f'Londra għall-funeral tad-Duka ta' Wellington.



*"Tfal, dan il-weekend kulħadd għal għawma u wara picnic fuq id-dgħajsa." - idea li nibtet f'ħin wieħed f'ħafna mħuħ. Milli jidher kulħadd għażel l-għadira Havasu, fl-Arizona. Il-picnic ukoll irnexxa; u rigward l-għawma, fil-baħar ma kienx hemm fejn taqa' labra.*



*Dan iċ-ċurkett ta' kulur abjad li għamlitu l-Etna waqt waħda mill-aħħar eruzzjonijiet tagħha, waqt li waddbitu 'il fuq minn kilometru għoli. Kellu dijametru ta' 200 metru u dam imewweġ fl-arja għal 10 minuti sħaħ. Huwa magħmul minn taħlita ta' gas u fwar.*



## Bortelli Woodworks

**For all kind of Furniture and Home appliances, Office Desks and Chairs, Filing Cabinets and Cupboards.**

*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri Str.,
Għarb, Gozo.
**Tel./Fax: 560020**

*Showroom:*
Borg Oliver Str.,
Victoria, Gozo.
**Tel: 564664**

**Mobile: 0940 5295**



Ask for Bernard...With 25 Years of Experience




LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
TRIQ FORTUNATO MIZZI, VICTORIA, VCT 111 - GHAWDEX
TEL: 560496/7 FAX: 561860

Kotba
u rigali
reliġjużi








**Ħinijiet tal-Ftuħ**
**mit-Tnejn sas-Sibt**
**9.30a.m. - 12.30p.m.**
**5.00p.m. - 9.00p.m.**

Kull xorta ta' Stationery u kiri ta' Videos edukattivi

Servizz ta' Photocopying u bejgħ ta' karta



**59 different combinations of colours and interiors**

More than just a number, a way of expression



Peugeot 307 is more than just a new car it offers state-of-the-art technology. A perfect example is the Multiplexed Intergrated Intelligence (M.I.I.). A network of microprocessors throughout the vehicle, all connected to an intelligent control centre, allows the driver to be warned in advance about the minimum variation in conditions that could affect safety. This new technological system has not only been applied to a few luxury cars but most significantly to the Peugeot 307.

**PEUGEOT *307*** MORE THAN A NUMBER. IT'S AN IDENTITY.

**MICHAEL ATTARD LTD.**

National Road, Blata l-Bajda. Tel: 238854

***307***

**PEUGEOT**